Rapport Annwali 2010



Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

Volum I

# Rapport tal-Attività

Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment





Volum I

# Rapport tal-Attività

Ir-**Rapport Annwali 2010 tal-Grupp tal-BEI** jikkonsisti fi tliet volumi separati:

- ir-Rapport tal-Attività, li jippreżenta l-attività tal-Grupp tal-BEI matul is-sena li għaddiet u l-prospetti għall-ġejjieni;
- ir-Rapport Finanzjarju, li jippreżenta r-rendikonti finanzjarji tal-BEI, tal-Grupp tal-BEI (skont l-IFRD u d-Direttivi tal-UE) u l-FEI, flimkien mal-annessi ta' spjegazzjoni relatati;
- ir-Rapport Statistiku, li jippreżenta f'forma ta' lista l-proġetti ffinanzjati u s-self meħud mill-BEI fl-2010, flimkien ma' lista tal-proġetti tal-FEI. Jinkludi wkoll tabelli sommarji għas-sena u għall-aħħar ħames snin;
- ir-Rapport dwar ir-Responsabbiltà Korporattiva, li jippreżenta informazzjoni dettaljata dwar il-prattiki ta' responsabbiltà korporattiva.

Ir-Rapport Annwali jinsab ukoll fuq is-sit elettroniku tal-Bank **www.eib.org/report.**

Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment



# Werrej


## Riżultati ewlenin 2010 — 3

## Messaġġ mill-President — 4

## Appoġġ għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi — 6

- Għajnuna għar-reġjuni ta' konverġenza tal-Unjoni Ewropea — 9
- Il-finanzjament ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju — 12
- Il-bini tal-infrastruttura tas-suq intern — 15
- Forza motriċi għall-innovazzjoni — 17
- Żgurar ta' provvisti affidabbli u kompetittivi tal-enerġiji — 20

## Appoġġ għal azzjoni għall-klima — 22

- Investiment f'enerġija rinnovabbli u effiċjenti — 25
- Finanzjament u ħżin tal-karbonju — 27
- Sabiex il-bliet isiru sostenibbli — 30
- Adattament għall-bidla fil-klima — 33

## Tisħib mad-dinja — 34

## Azzjoni konġunta mal-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn — 42

## Istituzzjoni responsabbli — 46

## Il-kapital tal-BEI u attivitajiet ta' self tal-2010 — 50

## Il-Governanza tal-BEI — 54

- Korpi Statutorji tal-BEI — 55
- Korpi Statutorji tal-FEI — 57
- Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI — 58





# Riżultati ewlenin 2010

✓ It-tislif totali tal-BEI laħaq **EUR 72 biljun fl-2010** – EUR 63 biljun fl-Unjoni Ewropea, EUR 9 biljun barra mill-UE.

✓ Fl-2010, il-BEI ffinanzja 460 proġett kbir fi **72 pajjiż**.

✓ It-tislif għal azzjoni għall-klima fl-Unjoni Ewropea żdied b'mod sinifikanti għal **EUR 19-il biljun**, li jirrappreżenta **30%** tat-tislif tal-Bank lill-UE.

✓ Fl-2010, il-BEI pprovda **pakkett addizzjonali ta' appoġġ għall-irkupru tal-UE ta' EUR 61 biljun** matul dawn l-aħħar tliet snin – EUR 11-il biljun aktar milli kien previst oriġinarjament.

✓ Fl-2010, **115 000** intrapriża ta' daqs żgħir u medju ibbenefikaw minn finanzjament mill-Grupp tal-BEI.

✓ Il-finanzjament għar-reġjuni ta' konverġenza tal-Unjoni Ewropea li ntlaqtu bl-aktar mod sever mill-kriżi ekonomika u finanzjarja laħaq **EUR 26 biljun fl-2010**.

✓ Il-BEI ġabar **EUR 67 biljun** fuq is-suq globali tal-bonds.

# Messaġġ mill-President



**Permezz tal-Pjan Korporattiv tal-Operat 2011-2013[1] li ġie adottat f'Diċembru 2010, il-Bord tad-Diretturi tal-BEI ta direzzjoni tripla lill-azzjoni tal-Bank. Fis-snin li ġejjin, din l-attività ser tiżviluppa madwar tliet dimensjonijiet: l-implimentazzjoni tal-istrateġija "Ewropa 2020", il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u l-appoġġ għall-politika esterna tal-Unjoni Ewropea.**

## ⇛ "Ewropa 2020"

Fil-konfront tal-kriżi finanzjarja – li mbagħad saret waħda ekonomika – li faqqgħet fl-2008, l-istati Ewropej irreaġixxew b'urġenza u ħarġu b'soluzzjoni għal żmien qasir: dawn kienu d-diversi pjanijiet nazzjonali ta' salvataġġ tal-banek u biex jingħata stimolu għall-irkupru ekonomiku. Dawn il-pjanijiet nazzjonali kienu appoġġjati mill-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2008. Il-BEI ta sehemu f'din l-inizjattiva billi żied il-volum tat-tislif tiegħu minn EUR 48 biljun fl-2007 għal EUR 79 biljun fl-2009 u billi mexxa din l-injezzjoni ta' riżorsi finanzjarji fl-ekonomija reali lejn setturi identifikati bħala prijoritarji mill-Kunsill, b'mod partikolari l-appoġġ għall-SMEs.

Wara dan ir-rispons għal żmien qasir li ppermetta li jiġi evitat l-agħar, issa wasal iż-żmien li tingħata risposta aktar fit-tul: din hija l-istrateġija "Ewropa 2020", jiġifieri l-implimentazzjoni kkoordinata ta' riformi u investimenti mfasslin biex iżidu l-potenzjal għat-tkabbir tal-ekonomija Ewropea – tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-isfida ewlenija hija biex jiżdiedu l-impjiegi u l-produttività fuq il-bażi tat-"trijangolu tat-tagħrif": **it-taħriġ**, speċjalment biex jiżdied il-proporzjon ta' gradwati; **ir-riċerka**, biex tiġi avvanzata l-fruntiera tekonoloġija; u **l-innovazzjoni**, li għandha tinxtered b'mod aktar veloċi mal-ekonomija kollha.

Il-BEI huwa lest li jagħti kontribut sinifikanti għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija. Fl-2010, huwa diġà pprovda finanzjament ta' aktar minn EUR 4 biljun għal proġetti fis-settur tal-edukazzjoni u aktar minn EUR 7 biljun għal proġetti fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI). Għandu l-ħsieb li jżid il-finanzjament tiegħu f'dawn l-oqsma peress li t-tisħiħ tat-trijanglu tat-tagħrif mhux biss ser ikollu impatt pożittiv fuq il-kompetittività iżda huwa importanti wkoll fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-BEI qed jippjana li jkompli jistabbilixxi strumenti konġunti ta' finanzjament mal-Kummissjoni, bħall-Faċilità Finanzjarja għall-Qsim tar-Riskju (RSFF) li hija orjentata lejn ir-riċerka. Strumenti bħal dawn jinfluwenzaw il-baġit tal-UE (bl-istess ammont baġitarju, il-baġit jappoġġja volum ikbar ta' investiment) filwaqt li fl-istess ħin itaffi r-restrizzjonijiet kapitali tal-BEI (bl-istess ammont ta' kapital, il-BEI jista' jagħti volum akbar ta' self)[2]. Jidher ċar li l-kontribuzzjoni tal-BEI għall-istrateġija Ewropa 2020 se tkun ħafna aktar effettiva jekk din tkun ibbażata fuq kooperazzjoni prammatika (mhux burokratika) mal-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn.[3]

---

[1] *Ara http://www.eib.org/about/publications/operational-plan-2011-2013.htm*

[2] *L-attivitajiet tal-RSFF juru dan l-effett doppju. Fi tmiem l-2010, permezz ta' kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE ta' EUR 390 miljun flimkien ma' allokazzjoni tal-kapital tal-BEI ta' 772 miljun, il-BEI seta' jagħti self tal-RSFF li ammonta għal EUR 6.3 biljun għal proġetti tar-riċerka għal total ta' EUR 16.2 biljun.*

[3] *Ara paġna 42*



## ⇛ Il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima

Il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u l-konsegwenzi kultant drammatiċi tagħha saret prijorità għall-Unjoni Ewropea u għaldaqstant għall-BEI. L-inċident nukleari ta' Fukushima u t-tħassib li dan qajjem jkompli jżid il-ħtieġa għal investiment massiv fl-iffrankar tal-enerġija, l-enerġiji rinnovabbli u teknoloġiji ġodda tal-enerġija.

Fl-2010, is-self tal-BEI għal proġetti li jikkontribixxu direttament għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra[4] ammonta għal EUR 20.5 biljun, jiġifieri kważi 30 % tas-self totali tagħna. Minn dawn, is-self għal proġetti għal **enerġija rinnovabbli** ammonta għal EUR 6.2 biljun, primarjament għal proġetti għal enerġija mir-riħ u mix-xemx. Is-self għal proġetti fl-**effiċjenza tal-enerġija** ammonta għal EUR 2.3 biljun fl-2010 u huwa mistenni li jiżdied fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, għad hemm potenzjal enormi għall-iffrankar tal-enerġija, speċjalment fil-binjiet pubbliċi u l-akkomodazzjoni f'għadd kbir ta' bliet u rħula Ewropej. Proġetti mmirati biex jippromwovu t-**trasport urban** u biex inaqqsu t-tniġġis minn mezzi privati tat-trasport ġew iffinanzjati minn self tal-BEI li ammonta għal EUR 7.9 biljun fl-2010.

Fl-istess ħin, il-BEI jinsab quddiem nett fl-iżvilupp ta' metodoloġija, li hija inevitabbilment kumplessa minħabba d-diffikultajiet tekniċi li jridu jingħelbu, għal evalwazzjoni aktar eżatta tal-footprint tal-karbonju tal-proġetti kollha li huwa jiffinanzja. Dan l-isforz huwa xiehda tar-rieda tagħna biex il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima ssir prijorità ewlenija tal-azzjoni futura tagħna.

## ⇛ Politika esterna tal-Unjoni Ewropea

Ebda potenza ma jista' jkollha preżenza fix-xena internazzjonali mingħajr sostenn finanzjarju. Dan iċ-Ċina fehmitu sew: hija qed tintervjeni finanzjarjament madwar id-dinja kollha biex tappoġġja l-għanijiet tal-politika barranija tagħha. Jekk l-Unjoni Ewropea tabilħaqq tixtieq tiżviluppa politika esterna li jkollha xi influwenza fid-dinja, hija wkoll għandha jkollha fergħa finanzjarja. Jekk l-Unjoni tixtieq dan, il-BEI jista' jkun din il-fergħa.

Din kienet waħda mill-konklużjonijiet ewlenin tar-Rapport Camdessus dwar il-mandat estern[5] tal-BEI. Wieħed għad irid jara jekk l-Istati Membri, li huma wkoll l-azzjonisti tal-BEI, humiex ser isegwu din ir-rakkomandazzjoni u jagħmlux għażla ċara meta jħejju l-perspettivi finanzjarji għall-2014-2020. Dan jinkludi rabtiet mill-qrib bejn is-Servizz għal Azzjoni Esterna tal-UE u d-dipartimenti tal-BEI li huma responsabbli għall-attivitajiet barra mill-UE, kif ukoll koordinazzjoni akbar ma' istituzzjonijiet finanzjarji nazzjonali u internazzjonali oħrajn.

F'dawn l-ewwel għexieren ta' snin tas-seklu 21, l-Unjoni Ewropea trid tilqa' bosta sfidi. Fil-konfront ta' xi wħud minn dawn, din għandha tkun tista' tiddependi fuq il-BEI u l-persunal ikkwalifikat, is-saħħa finanzjarja, il-kompetenza esperta u l-governanza tajba tiegħu.



Philippe Maystadt

---

[4] *Biex jikkwalifikaw għal din il-kategorija, il-proġetti jridu jnaqqsu l-emissjonijiet b'tal-anqas 20 %.*

[5] *Sabiex jirrevedi l-mandat estern, il-Kunsill Ecofin iddeċieda li jwaqqaf grupp ta' esperti, ippresedut minn Michel Camdessus u ġie nkarigat li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Ir-rapport ġie ppreżentat fid-9 ta' Frar 2010.*

*Ara http://www.eib.org/about/documents/mtr-external-mandate-report-steering-committee.htm*

# Appoġġ għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi





**Fl-2010, il-BEI irnexxielu jwettaq l-attivitajiet tiegħu mifruxa fuq sentejn kontra l-kriżi u beda jirritorna lura għal-livelli ta' tislif ta' qabel il-kriżi.**

Ġew iffirmati kuntratti ta' finanzjament ma' klijenti għal total ta' EUR 71.8 biljun meta mqabbel mal-livell rekord ta' EUR 79 biljun fl-2009, fl-agħar tal-kriżi. L-infiq laħaq EUR 58.7 biljun, li tela' minn EUR 54 biljun is-sena ta' qabel.

Hekk kif il-kundizzjonijiet tas-suq tjiebu għal korporazzjonijiet kbar u l-kontropartijiet bankarji, id-domanda għall-attivitajiet ta' self tradizzjonali tal-BEI bdiet tonqos billi dawn il-klijenti sabu li kien aktar faċli li jisselfu mis-swieq kapitali u ta' kreditu u ma kinux jiddependu bl-istess mod fuq il-BEI. Konsegwentement, il-BEI beda jaġġusta l-attenzjoni tiegħu billi jiffoka fuq attivitajiet fejn il-finanzjament tiegħu probabbilment ikollu l-aktar impatt fuq it-tkabbir ekonomiku.

It-tislif għal proġetti bi grad ogħla ta' riskju u rendiment f'oqsma bħar-riċerka, l-iżvilupp ta' infrastruttura sostenibbli u innovazzjoni għandu l-aktar impatt fuq il-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija.

L-istrateġija tat-tislif tal-BEI fis-snin li ġejjin se tkun allinjata mal-objettivi tal-Istrateġija Ewropea 2020 u l-ħtiġijiet tal-azzjoni għall-klima (indirizzata f'kapitlu separat). Il-Bank se jkompli jikkoopera mal-Kummissjoni Ewropea biex jiżviluppa strumenti innovattivi ta' finanzjament f'dawn iż-żewġ oqsma.

***Tkabbir sostenibbli jimplika l-promozzjoni ta' ekonomija aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, aktar ekoloġika u aktar kompetittiva***



R&Ż għal ġenerazzjoni ġdida ta' magni għal ajruplani kummerċjali, Safran, Franza

## L-Istrateġija Ewropa 2020

B'segwitu għall-Pjan ta' Rkupru Ewropew, li mexxa l-Unjoni Ewropea matul il-kriżi, il-pjan direzzjonali għall-ġejjieni huwa l-Istrateġija Ewropa 2020 għall-impjiegi u t-tkabbir, approvata mill-Kunsill Ewropew fl-2010. L-Istrateġija tagħmel enfasi fuq l-investiment f'oqsma li jgħinu fil-kisba ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Tkabbir intelliġenti jfisser l-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni. Tkabbir sostenibbli jimplika l-promozzjoni ta' ekonomija aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, aktar ekoloġika u aktar kompetittiva. Tkabbir inklussiv ifisser it-trawwim ta' ekonomija b'rata għolja ta' impjiegi, li tipprovdi koeżjoni ekonomika, soċjali u reġjonali.

L-Istrateġija Ewropa 2020 għandha ħames oqsma ewlenin fil-mira: l-impjiegi; ir-riċerka u l-innovazzjoni; l-azzjoni għall-klima u l-enerġija; l-edukazzjoni; u l-ġlieda kontra l-faqar. Il-miri huma kollha relatati ma' xulxin. It-tijib fl-edukazzjoni jgħin l-impjegabbiltà, waqt li l-progress sabiex tiżdied ir-rata tal-impjieg jgħin biex jitnaqqas il-faqar. Il-kapaċità akbar għar-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll l-innovazzjoni fis-setturi kollha tal-ekonomija, flimkien ma' aktar effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, itejbu l-kompetittività u jrawmu l-ħolqien ta' impjiegi. L-investiment f'teknoloġiji aktar nodfa jgħin lill-ambjent tagħna, jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u joħloq opportunitajiet ġodda għal negozju u impjiegi. Il-BEI għandu rwol f'dan kollu.

Sabiex tiġi promossa Ewropa 2020, fl-2010 nħolqot forza ta' ħidma apposta mill-BEI. Din qed tiffoka fuq kif il-Bank jista' jikkoordina u jappoġġja bl-aħjar mod l-investimenti fit-trasport, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI), proġetti tal-enerġija u tal-azzjoni għall-klima, kif ukoll koeżjoni u konverġenza.



STMicroelectronics: Clean Room – operatur, Franza



# Għajnuna għar-reġjuni ta' konverġenza tal-Unjoni Ewropea




**Fl-2010, il-BEI silef EUR 25.9 biljun b'appoġġ għar-reġjuni ta' konverġenza tal-Unjoni Ewropea li ntlaqtu bl-aktar mod sever mill-kriżi ekonomika u finanzjarja.**

L-ajruport ta' Berlin, il-Ġermanja

L-appoġġ għar-reġjuni ta' konverġenza baqa' f'livell għoli ta' 41 % tat-tislif totali fl-UE. Matul is-sena, is-self mill-programmi strutturali (structural programme loans - SPLs) eċċezzjonalment kbir għen biex jiġi żgurat investiment kontinwu fis-settur pubbliku f'xi Stati Membri.

L-SPLs huma self ta' qafas li jiffinanzjaw parti mill-kontribuzzjoni tal-baġits nazzjonali għal investiment f'firxa wiesgħa ta' proġetti prijoritarji li huma appoġġjati b'sussidji mill-Fondi Strutturali tal-Unjoni Ewropea. Fi żminijiet ta' awsterità deher li kien diffiċli għal xi Stati Membri biex jiffinanzjaw il-kontribuzzjoni tagħhom stess, u dan qiegħed fir-riskju l-implimentazzjoni tal-investimenti li setgħu jżidu l-prodott gross domestiku tagħhom. Il-finanzjament bil-quddiem tal-BEI tal-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi huwa għaldaqstant aktar importanti billi jistabbilizza l-investiment u jikkontribwixxi għall-irkupru u t-tkabbir.

*Is-self eċċezzjonalment kbir tal-BEI għen biex jiġi żgurat investiment kontinwu fis-settur pubbliku f'xi Stati Membri*

L-SPL ta' EUR 2 biljun lill-Gvern Grieg kienet l-akbar selfa li qatt għamel il-BEI fil-Greċja. L-objettiv tiegħu huwa li jappoġġja l-irkupru ekonomiku u jaċċellera t-tranżizzjoni lejn mogħdija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, skont l-Istrateġija Ewropa 2020. Diġà ntefqu EUR 500 miljun fl-2010. Fuq medda ta' żmien qasir, is-self inaqqas ir-riskju ta' posponiment tal-investiment f'infrastruttura ewlenija u f'assi reġjonali. Il-fondi jintużaw biex jappoġġjaw l-investiment fil-linji tal-ferroviji, il-ħarsien tal-ambjent, l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli, l-ilma, l-iskart, ir-riċerka u l-iżvilupp, u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Is-self tal-BEI fil-Greċja ammonta għal total ta' EUR 3.1 biljun fl-2010, meta mqabbel ma' EUR 1.6 biljun is-sena ta' qabel.

Mis-self ta' EUR 1.5 biljun li l-Bank ta lill-Portugal, intefqet blokka inizjali ta' EUR 450 miljun fl-2010. Il-fondi ntużaw biex jappoġġjaw investimenti pubbliċi f'varjetà wiesgħa ta' setturi, inkluż it-trasport, l-ICT, l-ilma, l-iskart, l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli. Il-finanzjament totali tal-BEI fil-Portugall laħaq EUR 3.4 biljun (EUR 3.7 biljun fl-2009).

Il-Gvern Pollakk irċieva wkoll self ta' qafas ta' EUR 2 biljun, li min-naħa tiegħu kien l-akbar self tal-BEI li qatt ingħata storikament fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. It-tislif tal-BEI fil-Polonja huwa l-ogħla fost il-pajjiżi li ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea fl-2004 jew wara u wera tendenza qawwija 'l fuq f'dawn l-aħħar snin. Fl-2010 s-self għal firxa wiesgħa ta' klijenti fis-settur pubbliku u privat ammonta għal EUR 5.6 biljun, li tela' minn EUR 4.8 biljun fl-2009, li diġà kien 70 % ogħla mis-sena ta' qabel. Matul l-aħħar ħames snin (2006-2010) it-tislif totali tal-BEI fil-Polonja ammonta għal EUR 17.5 biljun.




**Il-Konverġenza fl-UE**

Tqassim ta' firem tal-2010 skont is-settur

| | Total | |
|---|---|---|
| | Ammont (EUR m) | % |
| Infrastruttura tal-komunikazzjoni | 8 099 | 36 |
| Enerġija | 4 718 | 21 |
| Żvilupp urban | 2 020 | 9 |
| Ilma, sanità, skart | 999 | 4 |
| Saħħa, edukazzjoni | 3 158 | 14 |
| Industrija | 1 302 | 6 |
| Servizzi | 1 850 | 8 |
| Agrikoltura, sajd, forestrija | 130 | 1 |
| **Self individwali totali** | **22 276** | **100** |
| **Linji ta' kreditu f'reġjuni ta' konverġenza** | **3 620** | |
| **Self totali** | **25 897** | |



- **JASPERS – Assistenza Konġunta fis-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej**
  (il-BEI, il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u KfW Bankengruppe);
- **JESSICA – Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni Urbani**
  (il-BEI, il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa);
- **JEREMIE – Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji**
  (il-FEI, il-Kummissjoni Ewropea);
- **JASMINE – Azzjoni Konġunta fis-Sostenn ta' Istituzzjonijiet tal-Mikrofinanzjament fl-Ewropa**
  (il-FEI, il-Kummissjoni Ewropea).



It-tramm ta' Ateni, il-Greċja

Is-self ta' qafas ngħata wkoll lil pajjiżi ta' konverġenza oħrajn tal-UE, inkluż Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovakkja. Is-self ta' qafas tal-BEI ammonta għal total ta' EUR 11.6 biljun fl-2010, meta mqabbel ma' EUR 8.5 biljun fl-2009, li jirrifletti ż-żieda mgħaġġla fl-użu ta' dan il-prodott finanzjarju.

## Assistenza teknika għal Stati Membri

L-assistenza teknika għandha rwol fundamentali biex tgħin lit-12-il Stat Membru li ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea mill-2004 biex iħejju proġetti prinċipali li jridu jiġu sottomessi għall-finanzjament ta' għotjiet skont il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni tal-UE. Dan huwa l-irwol tal-inizjattiva tal-Assistenza Konġunta fis-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS), li minn meta bdiet l-attivitajiet fl-2006, wettqet 399 kompitu ta' proġett, issottomettiet 185 applikazzjoni lill-Kummissjoni għal proġetti appoġġjati minn JASPERS, u rat approvati 104 proġett appoġġjat minn JASPERS. Il-volum tal-investiment totali ta' kompiti ta' proġetti kompluti issa qabeż l-EUR 40 biljun. JASPERS qed tħejji għall-perjodu ta' programmar tal-Fondi Strutturali 2014-2020 sabiex tkun tista' tibda malajr.

L-assitenza teknika ta' JASPERS hija pprovduta mingħajr ħlas u hija mmirata lejn assorbiment aħjar u aktar mgħaġġel tal-fondi disponibbli. JASPERS hija amministrata mill-BEI, bil-kwartieri ġenerali fl-uffiċċju tiegħu fil-Lussemburgu, b'rappreżentanzi lokali f'Bukarest, Varsavja u Vjenna; hija inizjattiva konġunta mal-Kummissjoni Ewropea, il-BERŻ u l-Kreditanstalt für Wiederaufbau (KfW) Ġermaniż.

# Il-finanzjament ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju



**Fl-2010, il-BEI appoġġja madwar 115,000 SME permezz ta' intermedjarji. Il-BEI kkontribwixxa EUR 10.0 biljun f'linji ta' kreditu biex jiġu mislufa lil SMEs, filwaqt li l-FEI pprovda garanziji tal-SMEs u kapital ta' riskju għal total ta' EUR 2.8 biljun.**

Għall-BEI, iċ-ċifri tal-2010 jipparagunaw mal-livell rekord ta' EUR 12.7 biljun fl-2009 fl-agħar tal-kriżi.

Aktar appoġġ tal-BEI għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) kien wieħed mill-elementi tal-appoġġ tal-Bank għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi skont il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku adottat mill-Kunsill ECOFIN – il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri - f'Diċembru 2008. Il-mira stabbilita mill-Kunsill ECOFIN ta' Diċembru 2008 ta' EUR 30 biljun f'tislif lil SMEs bejn 2008-2011 intlaħqet sena sħiħa bil-quddiem.

L-impatt ta' aktar tislif lil SMEs kien ekwitabbli u mifrux sew. Aktar minn 63 000 SME mill-UE kollha bbenefikaw permezz ta' linji ta' kreditu tal-BEI fl-2010. Waħda mill-kundizzjonijiet għall-intermedjarji li ħaddmu l-linji ta' kreditu tal-BEI kienet li kull euro li l-Bank ipprovda kellha tal-anqas tiġi mqabbla mill-intermedjarju, biex effettivament l-ammont disponibbli għall-SMEs ikun irduppjat. L-intermedjarji huma wkoll obbligati li jgħaddu l-vantaġġ tal-ipprezzar tat-termini attraenti tal-BEI lill-SMEs Ewropej. Sa tmiem is-sena l-BEI kellu linji ta' kreditu ma' aktar minn 170 intermedjarju finanzjarju f'24 mis-27 Stat Membru.

Matul il-kriżi, il-BEI għamel sforz speċjali biex jgħin lill-SMEs fl-Istati Membri fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (fejn il-firem fl-2010 baqgħu magħluqa fil-livell tal-2009) u l-Pajjiżi Kandidati u l-Pajjiżi Kandidati Potenzjali. Filwaqt li kompla bil-kooperazzjoni normali tiegħu mill-qrib mal-banek lokali, li affrontaw problemi b'konsegwenza tal-portafolji ta' self tagħhom li kienu qed jiddeterjoraw, fl-2009 l-BEI ngħaqad ukoll mal-BEŻR u l-Grupp tal-Bank Dinji fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunta tal-Istituzzjonijiet



Finanzjarji Internazzjonali (IFI) biex jiżdied l-appoġġ għall-SMEs fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant għal EUR 24.5 biljun għall-2009-2010. Fi ħdan dan il-pakkett, il-Bank għamel impenn biex jirdoppja r-riżorsi li normalment jipprovdi għal total ta' EUR 11-il biljun sa tmiem l-2010, mira li ntlaħqet aktar kmieni fis-sena. It-tislif tal-BEI taħt il-Pjan ta' Azzjoni Konġunta ammonta għal EUR 14-il biljun sa tmiem l-2010, 25% aktar milli ppjanat oriġinarjament.

## Formula ta' self ġdida għal intrapriżi mid cap

B'mod parallel, il-BEI aġġorna t-tislif intermedjat tiegħu għall-intrapriżi mid cap. Il-mid caps huma akbar mill-SMEs u jimpjegaw inqas minn 3 000 persuna; dawn għadhom neqsin mill-aċċess wiesa' għall-firxa sħiħa tal-istrumenti finanzjarji korporattivi. Il-kriżi finanzjarja kellha impatt immedjat u sinifikanti fuq il-finanzjament disponibbli għall-mid caps, bl-istess mod li affettwat l-SMEs. Il-banek kummerċjali – ta' sikwit is-sors prinċipali jew l-uniku sors tal-finanzjament mid cap – issikkaw l-istandards ta' kreditu u żiedu t-tixrid. Kien hemm riskju li l-issikkar tal-kreditu kien ser ixekkel lill-mid caps milli jagħmlu invesimenti ġodda, u għalhekk ixekkel l-irkupru ekonomiku Ewropew.

Filwaqt li applika t-tagħlimiet li ħa mill-finanzjament tal-SMEs, il-BEI rreveda s-Self għall-Mid Caps – skema ta' self intermedjat maħluqa fl-2003 – sabiex biex iżid l-appoġġ tiegħu fl-2010. Is-Self għall-Mid Caps tfassal għal investimenti sa EUR 50 miljun, li tipikament ikunu żgħar wisq biex jiġġustifikaw self dirett mill-BEI, iżda fejn id-daqs tal-mid cap li qed tinvesti u l-ammont tal-investiment ma jkunux ikkwalifikawh għal finanzjament tal-SMEs tal-BEI. Għal proġetti li jiswew sa EUR 25 miljun il-Bank issa allinja l-proċeduri tiegħu ma' dawk li japplikaw għal inqas self għall-SMEs, filwaqt li proġetti li jiswew bejn EUR 25 miljun u EUR 50 miljun huma suġġetti għal valutazzjoni simplifikata tal-proġett. Din hija għal perjodu inizjali ta' prova ta' sentejn, li matulu l-BEI jistenna żieda sostanzjali f'appoġġ għall-mid caps.

**Tislif tal-BEI għall-SMEs 2007-2010 fl-Unjoni Ewropea:**

f'biljuni ta' euro




*L-impatt ta' aktar tislif lil SMEs kien ekwitabbli u mifrux sew*

## Il-FEI u l-SMEs

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), li flimkien mal-BEI jifforma l-Grupp tal-BEI, huwa l-fergħa speċjalizzata għal attivitajiet ta' finanzjament ta' riskju tal-SMEs. Matul l-2010, il-FEI kompla bl-irwol ewlieni tiegħu fl-appoġġ ta' SMEs Ewropej wara l-kriżi. Billi jaqdi l-irwol tiegħu bħala investitur ewlieni ta' fond ta' fondi, il-FEI kiseb volumi rekord ta' firem ta' ishma azzjonarji, billi alloka riżorsi għall-mandati kollha u ppromwova l-innovazzjoni, it-tkabbir, l-intraprenditorija u l-ħolqien ta' impjiegi. L-aċċess għall-finanzjament ittejjeb għal aktar minn 51 000 SME Ewropea permezz tal-forniment mill-FEI ta' prodotti ta' garanzija lil intermedjarji finanzjarji u, fil-kapaċità tiegħu bħala garanti tat-tranżazzjonijiet tal-SMEs, il-FEI ikkontribwixxa għall-irkupru tas-suq tas-securitisation tal-SMEs billi ffirma l-ewwel żewġ tranżazzjonijiet tiegħu mill-kriżi 'l hawn.

Wara fażi ta' tħejjija b'attenzjoni, il-programm għall-iżvilupp reġjonali ta' Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji (JEREMIE) issa qed jaħdem bis-sħiħ, fejn l-ewwel finanzjament inħareġ u qed jasal għand l-SMEs lokali. JEREMIE jagħti lir-reġjuni u lill-Istati Membri l-possibbiltà li jużaw finanzjament għal għotjiet mill-Fondi Strutturali sabiex tinħoloq firxa wiesgħa ta' prodotti finanzjarji. Billi estenda l-ambitu tal-attivatijiet tiegħu, il-FEI ħa sehem f'inizjattivi ġodda mmexxija mill-politika tal-UE, b'mod partikolari l-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress (EPMF), stabbiliti biex iżidu l-aċċess għall-finanzjament għal intraprendituri mikro, il-persuni qiegħda u persuni oħrajn mingħajr aċċess għas-sistema bankarja tradizzjonali.

Fl-2010, il-FEI investa aktar minn EUR 930 miljun f'fondi ta' tkabbir ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa. Bħala total issa għandu impenji ta' EUR 5.4 biljun f'aktar minn 350 fond. Il-FEI huwa wieħed mill-atturi ewlenin fl-industrija ta' ishma azzjonarji privati fl-Ewropa. Filwaqt li l-istrumenti tal-ishma azzjonarji jtejbu d-disponibbiltà ta' kapital għal SMEs, huwa ugwalment importanti li jkunu fil-mira r-rekwiżiti tad-dejn tagħhom billi jkun hemm provvediment għal garanziji u securitisation. Fl-2009, il-FEI ta garanziji għal total ta' EUR 1.9 biljun. Il-portafoll totali ta' garanziji pendenti ammonta għal EUR 14.7 biljun sa tmiem l-2010.



### *PROGRESS: l-indirizzar tal-esklużjoni soċjali bil-mikrofinanzjament*

*Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-PROGRESS hija faċilità ffinanzjata b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment, fejn kull istituzzjoni tikkontribwixxi EUR 100 miljun. PROGRESS, li hija amministrata mill-Fond Ewropew tal-Investiment, ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal ċerti gruppi f'riskju li għandhom diffikultajiet biex jiksbu aċċess għal sistema bankarja tradizzjonali (eż. il-persuni qiegħda, il-minoranzi u persuni oħrajn f'riskju tal-esklużjoni soċjali) għal dawk li jaħdmu għal rashom u mikrointrapriżi. PROGRESS hija mistennija li jkollha impatt sostanzjali fuq il-ġlieda kontra l-qgħad fl-UE. Sa tmiem l-2010, l-ewwel EUR 8 miljun kienu diġà ġew impenjati lil istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament. L-influwenza ġenerali tal-faċilità hija mistennija li tilħaq bejn 3 u 3.5 aktar mill-fondi impenjati.*

## Strumenti ġodda u finanzjament għall-FEI

Sabiex jipprovdi lill-FEI b'riżervi addizzjonali biex tiġi sodisfatta kull attività antiċipata ta' kapital ta' riskju matul perjodu fit-tul, il-BEI iddeċieda li jżid il-fondi fdati lill-FEI taħt il-Mandat tal-Kapital ta' Riskju b'EUR 1 biljun. Ir-riżorsi addizzjonali joħolqu fond rotanti ta' kapital ta' riskju ta' EUR 5 biljun li jsostni lilu nnifsu, li se jintuża prinċipalment biex jappoġġja SMEs immexxija mit-teknoloġija li huma fi stadju bikri u li jaġixxi bħala katalista biex jattira investiment addizzjonali sinifikanti tas-settur privat f'dan is-settur.

Fl-agħar tal-kriżi fl-2009, il-BEI pprovda EUR 1 biljun biex jiġu investiti f'ismu mill-FEI bħala l-Faċilità Mezzanin għat-Tkabbir. Il-finanzjament mezzanin huwa taħlita ta' dejn u ishma azzjonarji, ta' sikwit f'forma ta' self b'superjorità aktar baxxa jew għat-trasformazzjoni f'ishma azzjonarji, li huwa adattat b'mod partikolari għal negozji żgħar li qed jiżviluppaw jew jikbru malajr. Fi tmiem l-2010 – u f'kundizzjonijiet tas-suq diffiċli – il-FEI impenja madwar EUR 224 miljun f'firxa ta' fondi. Ir-rekwiżiti kontrattwali jiżguraw li l-kontribuzzjoni tal-Bank tkun tal-anqas irduppjata, u b'hekk tinfluwenza l-effett tal-intervent tal-Grupp tal-BEI b'mod sinifikanti.



# Il-bini tal-infrastruttura tas-suq intern



**Fl-2010 l-BEI silef EUR 7.8 biljun għan-netwerks Ewropej tat-trasport u EUR 235 miljun oħra għal proġetti tat-trasport fis-Siberja li jikkollegaw man-netwerk tat-trasport tal-UE. Dan jista' jiġi mqabbel mal-EUR 11.2 biljun fl-2009.**

Il-linja tal-ferrovija b'veloċità għolja, Spanja

Is-self tal-BEI għan-netwerks trans-Ewropej (TENs) huwa ġeneralment kbir billi jappoġġja proġetti ta' investiment fuq skala kbira. Meta tali proġetti jitwaqqfu temporanjament, kif ġara minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja, id-differenza fiċ-ċifri tat-tislif tal-BEI minn sena għall-oħra tista' tkun waħda konsiderevoli. Madankollu, il-linji tal-ferroviji, l-awtostradi u l-passaġġi tal-ilma jibqgħu importanti bħala kontributuri essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern kif ukoll bħala element ewlieni tal-kompetittività tal-industrija u s-servizzi Ewropej.

Fl-2010, għall-ewwel darba l-proġetti tal-ferroviji ammontaw għal aktar finanzjament tal-BEI milli investiment fit-toroq. Il-finanzjament tal-Bank għal proġetti tal-ferroviji laħaq EUR 4.1 biljun – żieda ta' 30 % meta mqabbel mal-2009 u ftit aktar min-nofs tat-tislif kollu tat-TENs fl-2010. Il-proġetti tat-toroq ammontaw għal Eur 2.5 biljun, meta mqabbla ma' EUR 4.5 biljun is-sena ta' qabel. Il-ferroviji b'veloċità għolja kellhom rwol importanti, bi kważi EUR 2 biljun f'self li mar għall-bini ta' linji tal-ferroviji b'veloċità għolja fi Spanja u l-Portugall, u lis-sezzjoni tat-Tyrol fil-kollegament tal-ferrovija ta' Brenner fl-Awstrija.

**In-netwerks trans-Ewropej tat-trasport**

**Firem 2006-2010: EUR 46 biljun**

(EUR m)




Fl-2010 l-finanzjament tal-BEI għal trasport sostenibbli, inkluż it-trasport urban, ra żieda ta' 50 % meta mqabbel mal-2009, u laħaq EUR 9 biljun. Is-sostenibbiltà teħtieġ taħlita ta' soluzzjonijiet tat-trasport u l-BEI jqassam l-investimenti skont il-

prijorità fi proġetti tal-linji tal-ferroviji, tal-passaġġi interni tal-ilma u dawk marittimi. Il-Bank silef EUR 125 miljun għall-bini ta' żewġ mgħalaq ġodda u xogħlijiet ta' tnaddif mill-ħama fil-passaġġi interni tal-ilma ta' Vallonja. Iż-żewġ skemi jinsabu fil-kuritur trans-Ewropew prijoritarju tar-Rhine/Meuse-Main-Danubju.

## Il-finanzjament privat għall-investiment pubbliku

Netwerks tal-infrastruttura li jaħdmu sew huma s-sinsla ta' ekonomiji li sejrin tajjeb. L-UE qed tiffaċċja ħtiġijiet kbar ta' investiment fl-infrastruttura matul l-għaxar snin li ġejjin: fl-Istati Membri "l-qodma" parti sinifikanti tal-istokk eżistenti tal-kapital waslet biex tiġġedded; fl-Istati Membri "l-ġodda", għad hemm bżonn li jiżdied l-istokk tan-netwerks infrastrutturali. Bil-baġits pubbliċi taħt pressjoni, l-importanza relattiva tal-finanzjament privat għall-investiment intrastrutturali qiegħda tiżdied.

Is-sħubijiet bejn is-settur pubbliku u l-privat (PPP) kellhom rwol importanti fl-investiment fin-netwerks tat-trasport, għalkemm l-għadd ta' PPPs naqas matul il-kriżi. Fil-PPPs l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji tipikament jikkooperaw biex jiżguraw il-finanzjament, il-bini u l-manutenzjoni ta' proġetti infrastrutturali. F'termini ta' volum ta' self, fl-2010 l-proġetti tal-PPP ammontaw għal 32% tat-tislif tat-trasport trans-Ewropew iffinanzjat mill-BEI.

Il-BEI għandu esperjenza u kompetenza konsiderevoli fil-qasam tal-finanzjament tal-PPP u waqqaf iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP b'netwerk ta' membri li issa, flimkien mal-BEI u l-Kummissjoni, jinkludi 30 pajjiż tal-UE u pajjiżi assoċjati kif ukoll bosta reġjuni. Iċ-ċentru jiffaċilita l-qsim effettiv ta' esperjenza u l-aħjar prassi, jipprovdi appoġġ għat-tħejjija ta' proġetti u servizzi ta' konsulenza lill-promoturi tas-settur pubbliku ta' proġetti prijoritarji tan-netwerk trans-Ewropew, u għandu l-mira li jkollu rwol fit-tnedija mill-ġdid tal-finanzjament tal-PPP fil-ġejjieni.

## Bonds ta' proġetti tal-UE fil-futur qrib

L-idea tat-tnedija tal-hekk imsejħa bonds ta' proġetti tal-UE tqajmet għall-ewwel darba mill-President tal-Kummissjoni Barroso matul "id-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni" fi Brussell f'Settembru 2010. L-objettiv ewlieni tal-inizjattiva tkun li tattira finanzjament addizzjonali mis-settur privat għal proġetti infrastrutturali individwali. Il-bonds ta' proġetti jaġixxu bħala katalista biex jattiraw kapital privat u b'hekk la jżidu l-finanzjament pubbliku dirett u lanqas ma jikkontribwixxu għad-dejn tal- gvern. Dawn ikunu sottoskritti minn banek u investituri istituzzjonali, u jirċievu s-sostenn ta' titjib tal-kreditu mill-BEI u l-Kummissjoni taħt il-mekkaniżmu tal-qsim tar-riskju. Investituri istituzzjonali bħal fondi tal-pensjonijiet huma attirati lejn l-attivi infrastutturali minħabba li l-ħajja fit-tul tagħhom tgħin tibbilanċja l-passivi fit-tul tal-fondi.

Il-bonds ta' proġetti huma wieħed mill-prodotti finanzjarji li qed jiġu diskussi fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020 u jekk dawn isiru parti bis-sħiħ tal-għodda ta' finanzjament ta' infrastruttura tal-UE, dan ma jseħħx qabel il-perjodu tal-baġit 2014-2020.

*Is-sostenibbiltà teħtieġ taħlita ta' soluzzjonijiet tat-trasport u l-BEI jagħti prijorità għal investimenti fil-linji tal-ferroviji*



# Forza motriċi għall-innovazzjoni



L-Isptar ta' Karolinska University, l-Isvezja

**Il-BEI bena għaxar snin ta' esperjenza u kompetenza esperta fl-ekonomija tal-għarfien, fejn sellef kważi EUR 103 biljun matul il-perjodu 2000-2010, b'EUR 17-il biljun fl-2010 biss.**

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Bank hija li l-appoġġ għat-twaqqif ta' ekonomija kompetittiva, ibbażata fuq l-għarfien, li hija kapaċi trawwem tkabbir sostenibbli. Sa mill-2000, il-BEI iffinanzja investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI), l-edukazzjoni, u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni – il-pilastri tal-ekonomija bbażata fuq l-għarfien.

It-tislif tal-BEI fl-2010 kien iffukat fuq it-"trijanglu tat-tagħrif", li jorbot l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, u l-innovazzjoni - it-tlieta li huma ewlenin għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku fit-tul tal-Ewropa. It-tisħiħ tat-trijanglu tat-tagħrif mhux biss għandu impatt pożittiv fuq il-kompetittività – iżda huwa importanti wkoll fil-ġlieda kontra l-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inugwaljanza.

## Kollox jibda mill-edukazzjoni

Edukazzjoni aħjar twitti l-bażi għal tkabbir ekonomiku u impjiegi fil-ġejjieni, u hija waħda mill-oqsma ewlenin li tikkonċentra fuqhom l-Istrateġija Ewropa 2020. It-tislif tal-BEI jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ mill-edukazzjoni ta' qabel l-iskola, l-edukazzjoni primarja, sekondarja u terzjarja sat-taħriġ professjonali u l-edukazzjoni għall-adulti. Fl-2010, il-Bank silef total ta' EUR 4.4 biljun għal proġetti fl-edukazzjoni.

Fil-belt Franċiża ta' Lille self tal-BEI ta' EUR 200 miljun għen biex jipprovdi lir-reġjun bi 30 collège (skejjel lower secondary) ġdid jew irrinovat, li huma aċċessibbli għaż-żgħażagħ b'mobilità ristretta u mgħammra b'faċilitajiet xierqa tal-IT bi prestazzjoni għolja. L-iskejjel huma konformi mal-istandards tal-aqwa prassi tal-effiċjenza fl-enerġija u tal-ambjent u fl-aħħar mill-aħħar jkunu ta' benefiċċju għal 16 000 student.

## Riċerka u żvilupp

Is-self tal-BEI għar-riċerka u l-iżvilupp ammonta għal total ta' EUR 7.3 biljun fl-2010 u appoġġja firxa wiesgħa ta' setturi.

L-appoġġ għar-R&Ż innovattivi fis-settur tal-karozzi kien parti mir-reazzjoni tal-BEI għall-kriżi ekonomika. Il-Faċilità Ewropea għal Trasport Nadif (European Clean Transport Facility - ECTF) twaqqfet f'Novembru 2008, fejn l-objettiv primarju tagħha huwa li tipprovdi, fuq medda ta' żmien qasir, appoġġ għall-investimenti li huma mmirati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-effiċjenza fl-enerġija fl-industrija Ewropea tal-karozzi. Fi żmien ta' dgħufija fid-domanda li qatt ma kien hemm bħala, l-ECTF tfasslet biex tistabilizza l-livell tal-programmi ta' investiment tar-R&Ż tal-promoturi tas-settur privat. Kif ippjanat, l-ECTF ipprovda EUR 9 biljun addizzjonali f'self lis-settur fl-2009 u fl-2010, li jinvolvu total ta' 36 proġett. Fi tmiem l-2010, l-ECTF twaqqfet gradwalment u konsegwentement it-tislif għar-R&Ż fis-settur tal-karozzi huwa mistenni li jmur lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi. Il-punt fokali, madankollu, jibqa' fuq soluzzjonijiet mill-aqwa li jgħinu biex itejbu l-ambjent kif ukoll il-kompetittività tal-Ewropa, pereżempju l-iżvilupp ta' vetturi elettriċi.

Għal impatt massimu, il-BEI nieda wkoll l-istrumenti finanzjarji ġodda għal soluzzjonijiet u teknoloġiji innovattivi li jistgħu ma jkunux faċilment iffinanzjati permezz ta' sorsi konvenzjonali ta' finanzjament. Wieħed minn dawn l-istrumenti huwa l-Faċilità Finanzjarja għall-Qsim tar-Riskju (Risk Sharing Finance Facility – RSFF), inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u l-Bank li tagħmel provvediment għal tislif għal proġetti b'riskju ogħla u b'rendiment ogħla. Il-firem ta' self tal-RSFF fl-2010 laħqu EUR 1.8 biljun, EUR 1 biljun inqas mis-sena ta' qabel – sinjali li l-għafsa tal-kreditu qiegħda tittaffa għall-kumpaniji li daru lejn il-BEI fl-agħar tal-kriżi. Sa mill-ħolqien tagħha fl-2007, ġew konklużi aktar minn EUR 6 biljun f'self tal-RSFF. Fost dawk li ssellfu li bbenefikaw mill-appoġġ tal-RSFF fl-2010 kien hemm AGFA – għal investimenti fir-R&Ż tal-kura tas-saħħa fil-Belġju, il-Ġermanja, l-Awstrija u Franza. EUR 130 miljun marru għal IT mtejba tal-kura tas-saħħa u teknoloġija tal-ħolqien tal-immaġni, li se jgħinu lil sptarijiet inaqqsu l-ispejjeż u jipprovdu kura tas-saħħa ta' kwalità fuq żmien fit-tul.

## Netwerks diġitali

L-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ssaħħaħ u taċċellera t-tixrid ta' informazzjoni, għarfien u innovazzjoni, pereżempju permezz ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss, bħal fibra

> *It-tisħiħ tal-ekonomija tal-għarfien huwa wkoll importanti għat-tkabbir ekonomiku*



Sincrotrone Trieste, l-Italja



**Ekonomija bbażata fuq l-għarfien**
Finanzjament (EUR m)

(EUR m)

| | 2010 | 2000-2010 |
|---|---|---|
| Infrastruttura tal-ICT | 4 761 | 25 208 |
| Edukazzjoni u taħriġ | 4 356 | 22 276 |
| Riċerka u żvilupp | 7 349 | 53 258 |
| Oħrajn | 79 | 2 515 |
| Total | 16 544 | 103 258 |

li tasal sad-djar u broadband għall-mobile. Il-proġett Reggefiber-to-the-home fil-Pajjiżi l-Baxxi, għal liema l-BEI silef EUR 142.5 miljun fl-2010, jinvolvi t-tixrid tal-infrastruttura ta' aċċess għal broadband b'veloċità għolja ħafna. Id-disinn huwa bbażat fuq aċċess miftuħ sabiex jippermetti l-kompetizzjoni bejn fornituri multipli tas-servizz tat-telekomunikazzjoni. Fibri ottiċi dedikati se jaslu għand madwar 650 000 dar. Il-BEI silef EUR 4.8 biljun għal proġetti tal-ICT fl-2010.

## Il-FEI u l-innovazzjoni

Il-programm tat-trasferiment ta' teknoloġija tal-FEI jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tar-riċerka. It-trasferiment ta' teknoloġija huwa l-proċess li bih ir-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp jinbidlu fi prodotti jew servizzi kummerċjabbli. Din il-kummerċjalizzazzjoni tista' sseħħ b'diversi modi, partikolarment permezz ta' kollborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-industrija, permezz ta' liċenzjar jew assenjar ta' drittijiet ta' proprjetà u l-ħolqien ta' negozji li għadhom fil-fażi inizjali jew kumpaniji derivati minn universitajiet.



*Sincrotrone Trieste*

*IRUVX-FEL – lasers tal-elettron infraħomor, ultravjola mingħajr X-ray – għandhom prijorità għolja għall-infrastruttura Ewropea tar-riċerka. Fl-2010, il-BEI silef EUR 20 miljun għal investimenti minn Sincrotrone Trieste fl-aċċelleratur lineari tagħha biex ittejjeb il-programmi ottiċi u tal-ħolqien ta' immaġni għal materjali manjetiċi u ċelloli ħajjin. Is-self kien ukoll għall-bini ta' impjant triġenerazzjonali biex jiġbor l-"enerġija żejda" ta' attivitajiet fil-laboratorju u jnaqqas r-rekwiżiti tal-enerġija.*

# Żgurar ta' provvisti affidabbli u kompetittivi tal-enerġiji



L-Impjant tal-Enerġija ta' Lahti, il-Finlandja

**B'EUR 14.8 biljun f'self fl-2010, l-appoġġ għal proġetti tal-enerġija issa jirrappreżenta aktar minn 20 % tat-tislif kollu tal-BEI.**

Parti mill-missjoni tal-BEI hija li jgħin lill-UE tilħaq l-għanijiet tagħha tal-politika dwar l-enerġija tas-sostenibbiltà, il-kompetittività u l-affidabbiltà tal-provvista. Konxju mill-ħtiġijiet dejjem akbar għall-investiment, il-BEI żied sostanzjalment it-tislif tiegħu għall-proġetti tal-enerġija.

*Il-BEI huwa l-imsieħeb naturali għall-finanzjament tal-infrastruttura tal-enerġija*

## Il-bini tal-infrastruttura tal-enerġija għall-ġejjieni

Billi n-netwerks tal-enerġija qed jiqdiemu u l-ħtiġijiet għar-rinnovazzjoni qed jiżdiedu aktar malajr, l-investiment fil-grilji huwa prijorità ewlenija għall-Ewropa. Il-BEI huwa sieħeb finanzjarju naturali u – bħala l-akbar fornitur ta' dejn għall-grilji tal-enerġija fl-Ewropa – tradizzjonalment għandu rwol importanti fil-finanzjament tal-infrastruttura tal-enerġija. Fl-2010, is-self tal-BEI b'appoġġ għan-netwerks tal-enerġija ammonta għal EUR 3.8 biljun. Il-BEI b'mod partikolari jappoġġja proġetti Ewropej kbar ta' interkonnessjoni, bħall-aġġornar u l-espansjoni tan-netwerk tat-trażmissjoni tal-elettriku fi Spanja biex tittejjeb il-konnettività u tiffaċilita l-gwadann ta' effiċjenza fil-provvista ta' sorsi tal-enerġija tradizzjonali u rinnovabbli, li l-BEI appoġġja b'finanzjament għal total ta' EUR 600 miljun. Proġetti ewlenin oħrajn fl-2010 jinkludu konnessjoni tal-enerġija li tgħaqqad lil Malta, li qabel kienet iżolata, mal-grilja Ewropea (EUR 100 miljun) u interkonnessjonijiet internazzjonali oħrajn, bħal l-aġġornar tan-netwerk tat-trażmissjoni tal-elettriku fl-Ungerija, li żied il-kapaċità interna u transkonfinali tagħha (EUR 150 miljun).





MEDGAZ, l-Alġerija

*L-aktar mod effettiv sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-UE f'termini ta' sostenibbiltà, kompetittività u affidabbiltà tal-provvista tal-enerġija huwa permezz tal-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli. B'investimenti li laħqu total ta' EUR 7.3 biljun, dawn it-tnejn ammontaw għal kważi nofs l-investiment kollu fl-enerġija ffinanzjat fl-2010. Aktar informazzjoni dwar it-tislif tal-BEI għal effiċjenza fl-enerġija u enerġija rinnovabbli tinsab fil-kapitlu dwar l-azzjoni għall-klima.*

## Id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, l-affidabbiltà tal-provvisti tal-Ewropa

L-investimenti għad-diversifikazzjoni u l-affidabbiltà tal-provvisti tal-enerġija ammontaw għal EUR 3.7 biljun fl-2010. Il-proġetti ffinanzjati jinkludu impjanti tal-produzzjoni magħquda ta' sħana u enerġija fil-Finlandja, l-Italja u Spanja, u impjanti tal-enerġija li joperaw bil-gass naturali kif ukoll l-iżvilupp ta' kamp tal-gass fl-ibħra Daniżi u Norveġiżi fil-Baħar tat-Tramuntana.

Fl-2010 l-BEI, il-BERŻ u International Finance Corporation (membru tal-Grupp tal-Bank Dinki) iffirmaw ittra ta' mandat biex tibda l-valutazzjoni tal-proġett tal-pipeline tal-gass Nabucco, li għandu l-mira li jittrasporta l-gass kemm mir-Reġjun tal-Kaspju kif ukoll mil-Lvant Nofsani sas-swieq tal-konsumaturi Ewropej. L-iskop tal-pipeline huwa sabiex tiġi sodisfatta d-domanda futura tal-UE għall-gass u biex tiġi ddiversifikata l-ġabra tal-pajjiżi fornituri tal-Ewropa. L-involviment bikri tat-tliet istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali se jappoġġja lil Nabucco biex jiġu sodisfatti l-ogħla standards fl-evalwazzjoni tar-riskju ambjentali u soċjali u l-akkwist. Il-valutazzjoni tal-proġett tinkludi evalwazzjoni profonda tal-aspetti kummerċjali, soċjali u ambjentali. Il-pakkett finanzjarju potenzjali għall-investiment huwa ta' madwar EUR 4 biljun, li minnhom EUR 2 biljun huma mill-BEI.

## L-investiment fl-enerġija barra mill-UE

Fl-2010 l-BEI iddeċieda li jżid b'50 % għal EUR 4.5 biljun il-faċilità multiannwali għas-sostenibbiltà tal-enerġija u l-affidabbiltà tal-provvista biex jiġu ffinanzjati proġetti f'Pajjiżi tal-Viċinat, pajjiżi tal-AKP, l-Afrika t'Isfel, l-Asja u l-Amerika Latina. Sa tmiem is-sena aktar minn 100 % tat-EUR 3 biljun oriġinali kienu diġà ġew iffirmati, approvati jew assenjati għal valutazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-finanzjament taħt il-faċilità multiannwali kienet għal investiment f'enerġija rinnovabbli u effiċjenza fl-enerġija.

Barra minn hekk, barra mill-faċilità iżda taħt il-mandat FEMIP għall-pajjiżi Mediterranji, self ta' EUR 500 miljun ingħata lil MEDGAZ, li kkontribwixxa b'mod sostanzjali għall-affidabbiltà tal-provvista tal-enerġija fl-UE. Is-self tal-Bank qed jintuża għall-bini ta' pipeline tal-gass bejn l-Alġerija u Spanja, inkluż terminal għar-riċeviment tal-gass fuq in-naħa Spanjola u impjant ta' kumpressur f'Beni Saf fl-Alġerija.

# Appoġġ għal azzjoni għall-klima



Installazzjoni offshore ta' turbina tar-riħ, il-Belġju





Kumpless ġeotermali ta' Hellisheidi, l-Islanda

**Fl-2010 t-tislif għal azzjoni għall-klima laħaq EUR 20.5 biljun, jew kważi 30 % tat-tislif totali tal-BEI. Għall-BEI, l-azzjoni għall-klima – mitigazzjoni kif ukoll adattament – hija prijorità ewlenija.**

L-attivitajiet ta' tislif tal-Bank f'dan il-qasam jappoġġjaw bis-sħiħ l-objettiv tat-"tkabbir ekoloġiku" fil-qalba tal-Istrateġija Ewropa 2020. L-azzjoni għall-klima tal-BEI tiffoka kemm fuq investimenti b'użu baxx tal-karbonju li jimmitigaw l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra kif ukoll proġetti reżiljenti għall-klima li jtejbu l-adattament għal impatti tal-bidla fil-klima. L-appoġġ għall-mitigazzjoni u l-adattament isir fi ħdan il-qafas tal-politiki tal-BEI tat-tislif tas-settur, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-enerġija, it-trasport, l-ilma, id-drenaġġ, l-iskart solidu, il-forestrija, u r-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

## Integrazzjoni

L-azzjoni għall-klima qiegħda tiġi integrata dejjem aktar fl-attivitajiet ta' tislif tal-BEI. Essenzjalment l-integrazzjoni tikkonċerna l-allinjament tal-finanzjament kollu tal-BEI mal-istrateġija tal-Bank ta' azzjoni għall-klima. Fil-prattika, il-konsiderazzjonijiet dwar il-klima qegħdin gradwalment jiġu integrati fl-attivitajiet kollha tal-BEI u huma parti integrali tal-proċessi interni.

Proġetti b'implikazzjonijiet fuq il-bidla fil-klima huma valutati mill-BEI biex jiġi żgurat li dawn jinkorporaw u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-politika dwar il-klima aċċettati mill-UE u internazzjonalment, jużaw l-aqwa teknoloġija disponibbli u konsegwentement jappoġġjaw tkabbir b'użu baxx tal-karbonju u reżiljenti għall-klima matul l-implimentazzjoni u l-operazzjoni. Il-Bank żviluppa l-metodoloġija tiegħu stess biex ikejjel emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra prodotti mill-proġetti li jiffinanzja hu stess u jevalwa l-potenzjal ta' proġetti rilevanti biex jiġġeneraw krediti tal-karbonju.

*L-integrazzjoni tikkonċerna l-allinjament tal-finanzjament kollu tal-BEI mal-istrateġija ta' azzjoni għall-klima*

Il-proġetti f'setturi vulnerabbli huma mmonitorjati biex jiġi żgurat li fatturi ta' riskju għall-klima jiġu meqjusa fiċ-ċiklu tal-proġett. Il-Bank integra wkoll kunsidrazzjonijiet ta' adattament f'għadd ta' politiki tiegħu dwar it-tislif tas-settur u jiffinanzja proġetti ta' adattament, b'mod partikolari fis-settur tal-ilma. Dan l-approċċ qed jiġi estiż għall-portafoll sħiħ tal-BEI. Il-Bank jista' jgħin ukoll lill-promoturi ta' proġetti tas-settur pubbliku u privat biex iħejju u jiffinanzjaw proġetti ta' mitigazzjoni u adattament permezz ta' programmi ta' assistenza teknika. Dan jinkoraġġixxi l-aħjar prassi, jipprovdi gwida tal-politika u jiżgura l-bini tal-kapaċità li jkun ta' benefiċċju.



## Is-sħubija

Iżda l-BEI ma jagħmilx dan waħdu. Il-problema hija waħda globali u r-reazzjoni għandha tkun kollaborazzjoni fuq skala globali. Il-Bank jaħdem mill-qrib ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-UE, il-gvernijiet tal-pajjiżi tal-UE u pajjiżi msieħba, u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew bilaterali oħrajn. Jaġixxi bħala katalista u msieħeb b'esperjenza fl-appoġġ għal investimenti dwar il-klima ġewwa u barra mill-Ewropa. Jikkofinanzja proġetti b'użu baxx tal-karbonju u reżiljenti għall-klima ma' kumpaniji tas-settur privat u mas-settur pubbliku, u jista' jgħin biex jiġbor aktar fondi.

Permezz tal-inizjattiva ELENA (Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali) il-Bank u l-Kummissjoni Ewropea qed jgħinu biex jitħejjew investimenti kbar f'enerġija sostenibbli fi bliet u reġjuni. Il-Fond Dasos Timberland, il-Fond Marguerite u l-Fond DIF tal-Enerġija Rinnovabbli huma eżempji ta' sensiela ta' fondi stabbiliti flimkien ma' istituzzjonijiet oħrajn u mas-settur privat biex jipprovdu investiment ta' ishma azzjonarji fl-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija u l-forestrija. Il-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli (Global Energy Efficiency and Renewable Energy Fund - GEEREF) għandu fil-mira investimenti f'enerġija rinnovabbli u effiċjenza fl-enerġija permezz ta' fondi għal infrastruttura għal enerġija sostenibbli f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u ekonomiji fi tranżizzjoni. Jingħata konsulenza mill-Grupp tal-BEI u huwa appoġġjat mill-UE, il-Ġermanja u n-Norveġja, kif ukoll minn investituri tas-swieq emerġenti. Barra minn hekk, il-fondi kollha tal-karbonju tal-BEI ġew stabbiliti b'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji nazzjonali jew internazzjonali oħrajn. Dawn huma biss ftit eżempji tal-inizjattivi tal-BEI għal azzjoni għall-klima flimkien mal-imsieħba Ewropej u internazzjonali tiegħu.



# Investiment f’enerġija rinnovabbli u effiċjenti

**L-investiment fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija huwa ċentrali għat-tislif tal-BEI fis-settur tal-enerġija u jikkontribwixxi biex jiżgura li l-provvisti tal-enerġija tal-Ewropa jkunu aktar sostenibbli, kompetittivi u affidabbli.**

L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija huma l-aħjar mod sabiex l-Unjoni Ewropea tikseb il-miri tagħha tal-enerġija u l-klima sal-2020. Dawn huma sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra b’20 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990, biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija għal 20 %, u biex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija b’20 %.

## Enerġija rinnovabbli

It-tislif tal-BEI għall-enerġija rinnovabbli kiber b’mod drammatiku matul dawn l-aħħar snin biex laħaq EUR 6.2 biljun fl-2010. Is-sehem tat-tislif rinnovabbli fil-portafoll globali tal-enerġija tal-BEI kiber minn anqas minn 10 % fl-2006 għal kważi 30 % fl-2009 u 34 % fl-2010. Il-maġġoranza ta’ dan it-tislif imur fi proġetti ta’ ġenerazzjoni ta’ enerġija mir-riħ u mix-xemx.

Fost l-investimenti appoġġjati mill-BEI fl-2010 kien hemm il-programm ta’ investiment ta’ Enel Green Power (EGP) fl-Italja, li jiffoka fuq l-installazzjoni ta’ 840 MW ta’ kapaċità ġdida ta’ enerġija rinnovabbli permezz tal-bini ta’ impjanti ta’ skala żgħira u medja għall-enerġija mir-riħ u impjanti fotovoltajċi f’50 post mal-Italja kollha iżda kkonċentrati l-aktar fin-Nofsinhar. L-ispiża totali tal-programm ta’ investiment tal-EGP mifrux fuq tliet snin se tkun madwar EUR 1.26 biljun, u kważi nofsha se titħallas mill-BEI.

*It-tislif tal-BEI għall-enerġija rinnovabbli kiber b’mod drammatiku*



Impjant tal-enerġija mir-riħ, Mougueiras, il-Portugall

L-investiment f'impjanti offshore għall-enerġija mir-riħ fl-UE qed jaqbad malajr. Fl-2010, il-BEI silef EUR 450 miljun għall-bini tat-tieni u t-tielet fażijiet tal-impjant offshore għall-enerġija mir-riħ fuq Thornton Bank, li jinsab madwar 30 km mill-kosta Belġjana fil-Baħar tat-Tramuntana. Il-bini se jsir bejn l-2011 u l-2013 u se tkun l-ewwel darba li se jintużaw turbini tar-riħ offshore ta' 6 MW. It-48 turbina se jkollhom kapaċità kkombinata ta' 295 MW, li ttella' l-kapaċità sħiħa tal-impjant għall-enerġija mir-riħ għal 325 MW – biżżejjed biex jipprovdi enerġija lil 600 000 abitant u biex jiġu evitati 450 000 tunnellata ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-sena. Is-self tal-BEI kien parti minn pakkett ta' finanzjament mingħajr rikors ta' EUR 1.3 biljun, li fih ħadu sehem ukoll żewġ aġenziji għall-kreditu tal-esportazzjoni u seba' banek kummerċjali. Ir-rivista Project Finance International iddikjarat il-pakkett ta' finanzjament bħala l-"Aħjar Negozju tas-Sena għall-Enerġija Rinovabbli".

## Effiċjenza fl-enerġija

It-tislif tal-BEI għall-effiċjenza fl-enerġija rdoppja għal EUR 1.5 biljun bejn l-2008 u l-2009 u kompla jikber għal EUR 2.3 biljun fl-2010. B'mod ġenerali, il-kunsidrazzjonijiet għall-effiċjenza fl-enerġija qed jiġu integrati fil-proġetti kollha vvalutati mill-Bank.

F'Bukarest, il-BEI appoġġja l-Muniċipalità b'self ta' EUR 70 miljun fl-2010 biex jiffinanzja r-rinovazzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija ta' bini residenzjali b'bosta sulari fil-belt kapitali tar-Rumanija. Il-fondi se jgħinu biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija fil-bini koperti mill-proġett ta' riabilitazzjoni termali b'madwar 50 %. Ladarba l-programm ikun implimentat bis-sħiħ l-enerġija totali ffrankata se tammonta għal madwar 160 GWh fis-sena.

ELENA, inizjattiva konġunta tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea, tgħin lill-awtoritajiet lokali biex iħejju proġetti dwar l-effiċjenza fl-enerġija jew enerġija rinnovabbli. Qiegħda tipproċedi sew biex timmobilizza aktar minn EUR 2 biljun f'investimenti fis-snin li ġejjin. Il-Provinċja ta' Barċellona kienet minn ta' quddiem bil-ħidma preparatorja fuq programm ta' EUR 500 miljun biex jiġu installati panels solari fuq binjiet pubbliċi u tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija għal ammont ta' 280 GWh ta' enerġija fis-sena u jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ li huma ekwivalenti għal 170 000 sa 200 000 tunnellata.



Fotovoltajċi Sunray f'Montalto di Castro, l-Italja

### *Fotovoltajċi Sunray Montalto di Castro*

*F'Montalto di Castro, l-Italja, self ta' EUR 98 miljun appoġġja l-bini u t-tħaddim ta' żewġ impjanti fotovoltajċi tal-enerġija permezz ta' sistema ta' ntraċċar li ssegwi x-xemx matul il-ġurnata u tipproduċi sa 25 % aktar enerġija minn sistemi fissi. L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli qed jiġu ffinanzjati minn bonds maħruġa mill-promotur permezz ta' mezz imfassal apposta. Il-BEI kien involut attivament fl-istrutturar tat-tranżazzjoni u, bl-akkwist ta' nofs il-bonds, huwa meqjus bħala finanzjatur essenzjali. It-tranżazzjoni diġà wriet effett qawwi ta' dimostrazzjoni fuq investituri istituzzjonali. Ir-rivista Project Finance International iddikjarat it-tranżazzjoni bħala l-"Aħjar Negozju ta' Bonds tas-Sena".*



# Finanzjament u ħżin tal-karbonju

**L-inizjattivi għall-finanzjament tal-karbonju jagħmlu parti integrali mir-reazzjoni tal-BEI tal-isfidi miġjuba mill-bidla fil-klima.**

Fl-1997, il-pajjiżi industrijalizzati ffirmaw il-Protokoll ta' Kjoto u għaldaqstant għamlu impenn biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG). Madankollu, dawn jitħallew iżommu l-miri tagħhom billi jiffinanzjaw l-iffrankar ta' GHG xi mkien ieħor fid-dinja. Dan wassal għall-ħolqien ta' swieq ta' krediti tal-karbonju, fejn id-drittijiet għal emissjonijiet ta' GHG jistgħu jiġu nnegozjati, u għall-istabbiliment mill-UE fl-2005 ta' skema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet. Fl-2008 l-UE wiegħdet li tnaqqas l-emissjonijiet GHG b'20 % - meta mqabbla mal-livelli tal-1990 – sal-2020.

## L-irwol tal-BEI fil-finanzjament tal-karbonju

Il-Bank stabbilixxa sett ta' strumenti bbażati fuq is-suq biex jinkoraġġixxi n-negozjar ta' karbonju b'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati oħrajn, f'livell nazzjonali u internazzjonali. Bl-involviment tiegħu fi sponsorship ta' fond tal-karbonju, il-BEI jippromwovi l-użu ta' kapital tas-settur pubbliku u privat biex jappoġġja proġetti b'użu baxx tal-karbonju.

Il-fondi kosponsorjati tal-karbonju tal-BEI jikkonċentraw l-aktar fuq iż-żoni inqas żviluppati tas-suq tal-karbonju. Dawn il-fondi jakkwistaw il-krediti tal-karbonju ġġenerati minn investiment ekoloġiku sabiex jinbiegħu lil pajjiżi u kumpaniji li jeħtieġuhom sabiex jilħqu l-miri tal-emissjonijiet tagħhom. B'dan il-mod dawn jgħinuhom jissodisfaw l-obbligi tal-konformità tagħhom tal-emissjonijiet tal-karbonju f'livell tal-UE u internazzjonali, b'mod partikolari taħt l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet u ftehimiet internazzjonali. Barra minn hekk, dawn jgħinu biex jappoġġjaw ekonomiji f'pajjiżi ta' tranżizzjoni u li qed jiżviluppaw biex iżidu l-finanjament għal investimenti b'użu baxx tal-karbonju.



L-impjant tat-torri tal-enerġija – Solucar, Spanja

B'objettivi mfasslin apposta, strutturi, punti fokali reġjonali u parteċipanti, il-fondi tal-karbonju sponsorjati mill-BEI kollha tfasslu biex jestendu l-kapaċità tas-suq u jikkomplimentaw aktar milli jimbuttaw 'il barra l-parteċipanti tas-settur privat fis-suq tal-karbonju. L-inizjattivi tal-fond tal-karbonju tal-BEI jantiċipaw ukoll żviluppi tas-suq u jippromwovu kunfidenza fl-oqfsa regolatorji, b'mod partikolari għall-perjodu wara l-2012, meta jiskadi l-Protokoll ta' Kjoto. B'dan il-mod, il-Bank qed jgħin biex jappoġġja proġetti u swieq li altrimenti ma kinux jiġu żviluppati.

### *Krediti tal-karbonju mill-Estonja u l-Litwanja*

*Il-Fond Multilaterali għall-Iskambju tal-Krediti tal-Karbonju tal-BERŻ-BEI fl-2010 ftiehem li jakkwista krediti tal-karbonju minn grupp ta' impjanti għall-enerġija mir-riħ amministrati minn OÜ Nelja Energia, kumpanija tal-enerġija rinnovabbli proprjetà bis-sħiħ ta' Freenergy AS, investitur ewlieni Estonjan fl-enerġija rinnovabbli fl-Ewropa tal-Lvant. Taħt il-ftehim ta' akkwist, l-MCCF se takkwista krediti tal-karbonju li joħorġu mis-sitt impjanti għall-enerġija mir-riħ b'kapaċità kkombinata ta' 76 MW fl-Estonja u l-Litwanja.*

## Fondi tal-karbonju kosponsorjati mill-BEI

Il-Fond Multilaterali għall-Iskambju tal-Krediti tal-Karbonju (Multilateral Carbon Credit Fund - MCCF) inħoloq mill-BEI u l-BERŻ biex jiżviluppa s-suq tal-karbonju f'pajjiżi fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant sal-Asja Ċentrali. L-għan huwa li dawn il-pajjiżi jiġu megħjuna biex jissodisfaw il-miri obbligatorji u volontarji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Il-EUR 208.5 miljun miġbura mill-MCCF prinċipalment iservu krediti tal-karbonju bbażati fuq proġetti, iżda wkoll skemi ta' investimenti ekoloġiċi.

Il-Programm konġunt għall-Akkwist tal-Karbonju tal-BEI-KfW jinkludi blokka inizjali mfassla biex tgħin intrapriżi tal-UE ta' daqs żgħir u medju li jridu jkunu konformi mal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet. It-tieni blokka tal-programm tappoġġja proġetti li jinsabu fil-pajjiżi l-aktar foqra u l-anqas żviluppati. Il-Programm tal-Karbonju II tal-BEI-KfW ikopri l-krediti tal-emissjonijiet kemm ta' qabel kif ukoll ta' wara Kjoto. Il-baġit ġenerali għażżewġ blokki huwa ta' madwar EUR 190 miljun.

Il-Fond tal-Karbonju wara l-2012 huwa inizjattiva żviluppata mill-BEI u erba' istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħrajn biex jagħtu fiduċja fl-istabbiliment ta' skema regolatorja lil hinn mill-Protokoll ta' Kjoto. Il-fond għandu baġit ta' EUR 125 miljun u huwa l-ewwel wieħed ta' dan it-tip. Diġà kkontribwixxa għall-iżvilupp ta' bosta proġetti fl-Asja, l-Afrika u l-Amerika Latina bl-akkwist ta' krediti tal-karbonju li jridu jiġu ġġenerati permezz tal-użu tal-enerġija mir-riħ, ġestjoni tal-iskart imtejba u teknoloġiji għall-effiċjenza fl-enerġija.

B'kooperazzjoni mal-Bank Dinji, il-BEI waqqaf il-Fond tal-Karbonju għall-Ewropa (Carbon Fund for Europe - CFE), li huwa mmirat għall-Istati Membri tal-UE u s-settur privat Ewropew. B'kapital ta' EUR 50 miljun, il-fond jikseb krediti tal-emissjonijiet minn proġetti eliġibbli taħt il-mekkaniżmi flessibbli tal-Protokoll ta' Kjoto li huma kompatibbli mal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet. Barra dan, is-CFE jista' jinvesti sa 20 % tal-kapital tiegħu fi skemi ta' investimenti ekoloġiċi.





L-ewwel fond tal-karbonju fl-Afrika frankofona u l-ewwel fond nazzjonali kostabbilit mill-BEI – Fonds Capital Carbone Maroc – jappoġġja proġetti tal-Mekkaniżmu għall-Iżvilupp Nadif (Clean Development Mechanism - CDM) billi jakkwista krediti tal-karbonju matul il-perjodu 2008-2017. Il-fond jiswa MAD 300 miljun (aktar minn EUR 26 miljun).

## Qbid u ħżin tal-karbonju

Il-BEI jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea biex jappoġġja mekkaniżmi għall-programmi ta' dimostrazzjoni ta' proġetti għall-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju ġewwa u barra mill-Ewropa.

Is-sena 2010 rat il-bidu tal-kollaborazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-akbar programm fid-dinja ta' investiment fi proġetti ta' dimostrazzjoni b'użu baxx tal-karbonju u enerġija rinnovabbli. L-inizjattiva, magħrufa bħala NER300, se tipprovdi appoġġ finanzjarju sostanzjali għal tal-anqas tmien proġetti li jinvolvu teknoloġiji CCS u tal-anqas 34 proġett li jinvolvu teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli. L-għan huwa li jitmexxa l-iżvilupp ekonomiku b'użu baxx tal-karbonju fl-Ewropa, fejn jinħolqu impjiegi "ekoloġiċi" ġodda u jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ambizzjużi tal-UE dwar il-bidla fil-klima.

L-ewwel sejħa għal proposti, maħruġa f'Novembru, fissret il-bidu tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva NER300, imsejħa hekk minħabba li ġiet iffinanzjata mill-bejgħ ta' 300 miljun konċessjoni ta' emissjonijiet fir-Riżerva ta' Operaturi Ġodda (New Entrants Reserve – NER) tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar tal-Emissjonijiet. Bil-prezzijiet attwali tas-suq għall-konċessjonijiet ta' emissjonijiet, l-inizjattiva tiswa madwar EUR 4.5 biljun, u b'hekk hija l-akbar programm bħal dan fid-dinja. Il-programm se jinfluwenza investimenti ta' aktar minn total ta' EUR 9 biljun.



*Il-fondi tal-karbonju jippromwovu kunfidenza fl-oqfsa regolatorji*

Helios Bay fil-Kalendonja l-Ġdida, Franza

# Sabiex il-bliet isiru sostenibbli



Il-pont Øresund, id-Danimarka - l-Isvezja

**Fil-qalba tal-azzjoni għall-klima hemm il-mira li l-ibliet isiru aktar ekoloġiċi u sostenibbli.**

Fl-2010, il-BEI silef EUR 14.7 biljun sabiex il-bliet Ewropej isiru aktar sostenibbli permezz ta' investimenti fit-tiġdid urban, fit-trasport urban u fl-isptarijiet.

## JESSICA għall-ibliet

L-iżvilupp sostenibbli urban huwa l-objettiv ewlieni ta' JESSICA, l-inizjattiva ta' Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni Urbani, li ġiet żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment, b'kollaborazzjoni mal-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa. Permezz ta' JESSICA, l-Istati Membri jingħataw l-għażla li jużaw xi ftit mill-finanzjament tal-għotjiet tagħhom tal-Fondi Strutturali biex jagħmlu investimenti ripagabbli fi proġetti li jagħmlu parti minn pjanijiet integrati għall-iżvilupp sostenibbli urban. Tali investimenti, li jistgħu jkunu fl-għamla ta' ishma azzjonarji, self jew garanziji, jitwasslu lil proġetti permezz ta' Fondi għall-Iżvilupp Urban u Fondi ta' Parteċipazzjoni.

Sa tmiem l-2010, 15-il Fond ta' Parteċipazzjoni kienu ġew iffirmati għal total ta' aktar minn EUR 1.5 biljun. Wieħed minnhom kien Fond ta' Parteċipazzjoni stabbilit fil-Greċja: ġie konkluż ftehim ta' EUR 258 miljun mal-Ministru tal-Ekonomija, li flimkien mal-BEI u l-muniċipalitajiet Griegi, se jidentifika proġetti urbani eliġibbli. Fl-Iskozja, il-Fond JESSICA se jinvesti GBP 50 miljun biex jerġa' jiġġenera ċentri tan-negozju u t-trasport u skemi għal djar aktar ekoloġiċi. Ix-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni jinkludu t-tiġdid ta' siti mitluqa biex jinħolqu spazji ġodda għan-negozju, żoni ta' teknoloġija wajerless, enerġija ekoloġika għal akkomodazzjoni soċjali, u skemi tat-trasport aktar effiċjenti. Fl-2010, il-Litwanja kienet l-ewwel pajjiż li fih il-fondi JESSICA tqassmu lil intermedjarji u ġew allokati għal proġetti speċifiċi ta' tiġdid urban.



## Trasport nadif

Trasport pubbliku li huwa tajjeb għall-ambjent huwa vitali għal bliet sostenibbli. Bil-promozzjoni taċ-ċaqliqa mit-trasport privat għal dak pubbliku u bit-tnaqqis tal-konġestjoni, l-investiment fit-trasport pubbliku mhux biss itejjeb il-kwalità tal-arja u jnaqqas il-fastidju tal-istorbju, iżda jgħin ukoll fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima billi jtejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u jillimita l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Is-self tal-BEI għal proġetti tat-trasport pubbliku fl-Unjoni Ewropea laħaq EUR 8.5 biljun fl-2010.

*Trasport pubbliku li huwa tajjeb għall-ambjent huwa vitali għal bliet sostenibbli*

Fi Stokkolma l-kapaċità tal-ferroviji tal-passiġġieri se tirdoppja mill-2017, bis-saħħa tal-bini ta' linja tal-ferrovija taħt l-art ġdida ffinanzjata parzjalment mill-BEI. Il-Bank se jipprovdi EUR 600 miljun għall-proġett Citybanan, mina għal ferrovija tal-passiġġieri taħt Stokkolma ċentrali. Il-proġett jinkludi mina ġdida twila 6 km taħt iċ-ċentru storiku tal-belt, żewġ stazzjonijiet ġodda taħt l-art u pont tal-ferrovija. Il-proġett se jillibera l-kapaċità tal-linja tal-ferrovija eżistenti li tgħaddi mill-belt, u dan se jippermetti l-espansjoni tat-traffiku reġjonali u nazzjonali tal-ferroviji. It-trasport pubbliku se jsir aktar attraenti, billi jinkoraġġixxi lil dawk li jivvjaġġaw għax-xogħol biex jaqilbu mit-toroq u billi jġib benefiċċji ambjentali sostanzjali. Citybanan huwa wkoll proġett prijoritarju tal-UE tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (TEN-T) u jagħmel parti mill-iskema tat-Trijanglu Nordiku għall-aġġornar tal-infrastuttura tat-toroq, tal-ferroviji u tal-baħar fil-Finlandja u l-Isvezja.

L-investiment iffinanzjat mill-BEI fit-trasport urban u l-linji tal-ferroviji mhux limitat għall-Istati Membri tal-UE. Fil-Vjetnam, pereżempju, il-Bank ipprovda żewġ selfiet għal total ta' EUR 223 miljun b'appoġġ għal proġetti tal-linja tal-metro f'Hanoi u Ho Chi Minh City. Is-sistemi tat-trasport pubbliku fiż-żewġt ibliet qed jgħin biex jitnaqqsu t-tniġġis u l-konsum tal-fjuwil billi jipprovdu servizz affidabbli, rapidu u tajjeb għall-ambjent ibbażat fuq il-linji flimkien ma' rotot li qabel kienu jintużaw biss minn modi tat-trasport ibbażati fuq it-toroq. Il-mobilità għal bosta se tittejjeb filwaqt li l-konġestjoni tat-traffiku se titnaqqas. S'issa l-BEI ffinanzja madwar 80 proġett tal-metro fl-Unjoni Ewropea u 10 barra mill-UE.

## L-iskart bħala opportunità

Il-ġenerazzjoni tal-iskart solidu muniċipali jammonta bħala medja għal 525 kg għal kull persuna fis-sena fl-UE-27. Min-naħa waħda, ġestjoni inadegwata ta' dan l-iskart għandha impatt negattiv dirett fuq il-kwalità tal-ħajja, is-saħħa pubblika, l-ambjent u l-bidla fil-klima. Min-naħa l-oħra, l-iskart jirrappreżenta telf ta' riżorsi potenzjalment prezzjużi fil-forma ta' materjali u enerġija, fejn l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru jistgħu jipprovdu benefiċċji netti sinifikanti. Għaldaqstant, il-ġestjoni tal-iskart solidu mhux biss hija sfida ambjentali u għas-saħħa, iżda wkoll opportunità ekonomika ekoloġika. Is-self tal-Bank jappoġġja l-evitar u l-użu mill-ġdid tal-iskart, u investiment kapitali fil-faċilitajiet għat-trattament tal-iskart residwali li jibqa' wara r-riċiklaġġ upstream, pereżempju impjanti tal-inċinerazzjoni bl-irkupru tal-enerġija u impjanti ta' trattament mekkaniku/bijoloġiku, kif ukoll faċilitajiet għat-trattament ta' flussi ta' skart miġbura separatament. Bħala total, il-BEI silef EUR 89 biljun għal tali proġetti fl-2010.



Vetturi Elettriċi tar-Renault, Franza



*Il-Fond GINKGO, il-Lussemburgu*

*L-awtoritajiet lokali qed ifittxu sorsi alternattivi ta' finanzjament biex ikopru l-ispejjeż għoljin involuti fit-tindif ta' siti mniġġsa. Fl-2010 l-BEI investa EUR 15.6 miljun f'GINKGO, fond privat ta' ishma azzjonarji rreġistrat fil-Lussemburgu li jakkwista siti abbandunati fi Franza u l-Belġju, inaddafhom u jbiegħhom jew inkella l-ewwel jerġa' jiżviluppahom b'bini residenzjali, uffiċini u bini kummerċjali li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija.*

F'Lahti, il-Finlandja, il-BEI silef EUR 75 miljun lil Lahti Energy, il-kumpanija tal-enerġija tal-belt, biex tibni wieħed mill-impjanti l-aktar moderni fid-dinja għall-konverżjoni tal-iskart għall-produzzjoni ta' sħana u elettriku. Lahti Energy hija ċentru ta' eċċellenza internazzjonali fit-teknoloġija kkombinata ta' sħana u enerġija, li tagħmel użu produttiv tas-sħana billi tippompjaha f'netwerks tat-tisħin tad-distretti. Bl-użu ta' skart minn negozji u djar f'Lahti u Ħelsinki bħala fjuwil, l-impjant il-ġdid se jipproċessa 250 000 tunnellata fis-sena, u jiġġenera 90 MW ta' sħana u 50 MW ta' enerġija. Dan huwa konsiderevolment aktar mill-impjanti eżistenti, bis-saħħa ta' proċess ġdid ta' gassifikazzjoni u inċinerazzjoni f'temperaturi għoljin u pressjoni għolja bil-fwar.

## Is-saħħa fil-belt

Fl-2010, il-Bank silef total ta' EUR 2.7 biljun lil 14-il sptar tal-belt fl-UE. Il-finanzjament tal-BEI għall-isptarijiet itejjeb l-ambjent soċjali u urban u jikkontribwixxi għal komunitajiet sostenibbli. Is-self tal-Bank jgħin lis-selliefa biex jipprovdu kura tas-saħħa mill-aqwa fi proġetti li jikkontribwixxu għall-ekonomija lokali u t-tiġdid urban. Dawn l-isptarijiet ta' sikwit għandhom ċentri tar-riċerka marbuta ma' universitajiet.

Il-BEI silef EUR 325 miljun lill-Università ta' Leuven u l-isptar universitarju tagħha għall-bini u t-twettiq tal-Health Sciences Campus Gasthuisberg, ċentru mediku u universitarju tal-ogħla klassi li jipprovdi kura intensa, edukazzjoni u riċerka f'post wieħed f'Leuven.



# Adattament għall-bidla fil-klima

**Bħala l-akbar sors ta' finanzjament ta' self għas-settur globali tal-ilma sal-lum, il-BEI identifika l-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma u l-adattament għall-bidla fil-klima bħala objettivi ewlenin għall-attivitajiet ta' tislif futuri.**



Impjant tat-trattament tad-drenaġġ tal-Lbiċ, San Pietruburgu, ir-Russja

*L-integrazzjoni ta' strateġiji tal-ilma u s-sanità iżżid ir-reżiljenza għall-klima*

Il-frekwenza dejjem akbar ta' kundizzjonijiet ta' temp estrem għandha impatti serji fuq id-disponibbiltà u l-kwalità tar-riżorsi ta' ilma frisk, li twassal għal diżastri naturali relatati mal-ilma, inklużi nixfiet u għargħar. L-adattament antiċipatorju u prekawzjonarju għall-konsegwenzi tal-bidla fil-klima huwa aktar effettiv u jiswa inqas minn azzjoni ta' emerġenza infurzata u tal-aħħar minuta. Għaldaqstant il-proġetti li l-Bank jiffinanzja fis-settur tal-ilma huma mmirati għall-preżervazzjoni tar-riżorsi tal-ilma frisk, il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, il-ħarsien taż-żoni tal-baħar u kostali u miżuri oħrajn ta' adattament.

Fl-2010, il-BEI ngħaqad mal-Alleanza Globali għall-Ilma u Azzjoni għal Adattament (Global Water and Adaptation Action Alliance), netwerk ta' istituzzjonijiet finanzjarji, utilitajiet, assoċjazzjonijiet, istituzzjonijiet ta' riċerka u NGOs.

## Madwar id-dinja

Il-biċċa l-kbira tal-proġetti attwali ta' adattament iffinanzjati mill-BEI jinsabu fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Fl-2010 l-Bank silef EUR 20 miljun għall-espansjoni tas-sistemi tad-drenaġġ fi Greater Limassol f'Ċipru, li kienet tinkludi l-bini ta' riċevituri għall-ġbir tal-ilma tax-xita.

Fir-Russja, il-BEI, flimkiem man-NIB, il-BERŻ u l-IFC, iffinanzja l-barriera kontra l-għargħar ta' San Pietruburgu. Il-barriera kontra l-għargħar hija twila 25 km fil-bokka tax-xmara Neva u tipproteġi lill-belt ta' San Pietruburgu u l-ħames miljun abitant tagħha. Il-barriera mobbli tgħin biex tiġi indirizzata t-theddida ta' għargħar sever li ilu jolqot il-belt minn meta inbniet iżda wisq aktar f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Bi spiża totali ta' aktar minn EUR 500 miljun, din hija waħda mill-akbar strutturi ta' ħarsien mill-għargħar fid-dinja. Il-BEI qed jipprovdi wkoll konsulenza dwar aspetti tekniċi, operazzjonali u ambjentali tal-proġett.

B'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, il-BEI jiffinanzja wkoll proġetti ta' adattament li jinsabu f'ekonomiji emerġenti u li qed jiżviluppaw madwar id-dinja kollha. Fl-2010, il-BEI ħadem flimkien ma' UN-HABITAT fuq it-tħejjijiet għal proġett reġjonali għall-pajjiżi ta' Lake Victoria – il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija u l-Uganda. L-integrazzjoni ta' strateġiji tal-ilma u s-sanità għandha tgħin biex tiżdied ir-reżiljenza għall-klima f'dan ir-reġjun sensittiv u tippreżerva l-funzjoni importanti tal-lag bħala ħabitat u riżors tal-ilma għall-ġejjieni. Il-Bank diġà qed jiffinanzja xogħlijiet tal-ilma u s-sanità f'Kampala, il-belt kapitali tal-Uganda, u aktar self huwa ppjanat għal proġetti ta' adattament fi Mwanza fit-Tanzanija u f'Kisumu fil-Kenja.

# Tisħib mad-dinja




Moma Titanium,
il-Możambik





- Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Kandidati Potenzjali
- Pajjiżi Meditteranji
- Pajjiżi msieħba tal-Ivant
- Stati Afrikani, tal-Karibew, tal-Paċifiku, OCTs u l-Afrika t'Isfel
- L-Asja u l-Amerika Latina
- Pajjiżi tal-Asja Ċentrali

Impjant tal-Enerġija mir-Riħ, il-Marokk

**B'EUR 8.8 biljun ta' tislif barra mill-UE, il-BEI jipprovdi appoġġ finanzjarju sinifikanti għal proġetti fil-pajjiżi msieħba tal-UE.**

Bosta mill-attivitajiet finanzjarji tal-Bank barra mill-Unjoni jsiru taħt garanzija baġitarja tal-UE, stabbilita permezz tal-hekk imsejħa mandati esterni għal attivitajiet tal-BEI fir-reġjuni differenti tad-dinja. Il-BEI jaħdem mill-qrib ma' istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet tal-pajjiżi tal-UE u pajjiżi msieħba, u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew bilaterali oħrajn, u żviluppa relazzjonijiet fit-tul mas-settur korporattiv mad-dinja kollha.

Fl-2010, il-BEI seta' jżomm il-livelli għoljin tat-tislif mar-reġjuni kollha, filwaqt li neħħa gradwalment miżuri addizzjonali meħuda fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja. Il-Bank jibqa' l-akbar finanzjatur internazzjonali fil-Pajjiżi Kandidati u l-Pajjiżi Kandidati Potenzjali tal-UE. It-tislif reġa' laħaq livell rekord ta' EUR 2.6 biljun fil-pajjiżi Mediterranji, u kważi ttriplika għal EUR 631 miljun fil-Pajjiżi Msieħba tal-Lvant. It-tislif lil pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) irċieva impetu ġdid taħt mandat imġedded appoġġjat mill-garanzija tal-Istati Membri. L-azzjoni għall-klima rċeviet żieda ta' 50 % fil-Faċilità għas-Sostenibbiltà tal-Enerġija u l-Affidabbiltà tal-Provvista, sabiex jiġu appoġġjati proġetti f'Pajjiżi tal-Viċinat tal-UE, pajjiżi tal-AKP, u l-Afrika t'Isfel, kuf ukoll l-Asja u l-Amerika Latina.

## It-tfassil tal-attivitajiet esterni futuri tal-BEI

Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-attivitajiet tal-Bank barra mill-UE, immexxija minn kumitat indipendenti ta' persuni għorrief, ippresedut mill-eks Direttur tat-Tmexxija tal-IMF Michel Camdessus, ippreżentat ir-rapport tal-evalwazzjoni tiegħu, fil-bidu tal-2010. Dan ipprovda l-bażi għal proposta sussegwenti tal-

Kummissjoni Ewropea, li tinkludi pjan biex jiġi attivat mandat fakultattiv ta' EUR 2 biljun għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. Barra dan, il-Kummissjoni pproponiet li s-sistema attwali ta' objettivi reġjonali għall-attivitajiet taħt il-garanzija tal-UE għandhom jiġu ssostitwiti b'objettivi orizzontali u li għandha ssir aktar enfasi fuq l-aspetti tal-iżvilupp tal-finanzjament tal-BEI. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-mandat estern tal-BEI għal-Libja, l-Iraq u l-Kambodja għandhom jiġu attivati. Il-proposti qajmu dibattiti fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul l-2010. Deċiżjoni finali hija mistennija fl-2011.

Barra mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-mandati esterni, il-Ftehim ta' Cotonou, li pprovda l-qafas għall-attivitajiet tal-Bank fil-pajjiżi tal-AKP, ukoll ġie rivedut fil-2010. Il-Bank ilu sieħeb għall-iżvilupp fir-reġjun tal-AKP għal aktar minn erbgħin sena, fejn silef madwar EUR 12.5 niljun biex jappoġġja aktar minn 1 000 proġett f'70 pajjiż. Il-mandat imġedded jippermetti lill-BEI biex jestendi l-attivitajiet tiegħu fl-Afrika sub-Saħarjana, iżda wkoll għall-ewwel darba jirrikonoxxi l-bidla fil-klima bħala kwistjoni ewlenija għall-isħubija UE-AKP.

Għalkemm il-Bank isegwi objettivi speċifiċi f'kull reġjun tad-dinja, bosta pajjiżi li jaħdem magħhom il-BEI barra mill-fruntieri tal-UE jiffaċċjaw sfidi simili biex jissodisfaw il-ħtiġijiet infrastutturali, iwittu t-triq għal tkabbir sostenibbli u jiġġieldu l-bidla fil-klima.

## Il-Pajjiżi Kandidati u l-Pajjiżi Kandidati Potenzjali

Il-BEI jipprovdi self u garanziji fil-Pajjiżi Kandidati (il-Kroazja, it-Turkija u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja – FYROM, Montenegro u l-Islanda) u l-Pajjiżi Kandidati Potenzjali (l-Albanija, il-Bosnja u l-Ħerzegovina, is-Serbja u l-Kosovo taħt ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (1999)). Il-bażi għall-attivitajiet tal-Bank hija l-mandat ta' tislif estern mogħti mill-Unjoni Ewropea u l-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni tal-Bank stess.

It-tislif totali tal-BEI fil-Balkani tal-Punent laħaq EUR 1.4 biljun fl-2010. Il-BEI huwa l-akbar finanzjatur internazzjonali fir-reġjun. It-tislif totali mill-2001, meta l-Bank reġa' sar attiv fir-reġjun, ammonta għal EUR 7.3 biljun. Is-Serbja kienet l-akbar benefiċjarju tal-finanzjament tal-BEI fil-Balkani tal-Punent b'EUR 690 miljun. Proporzjon kbir tal-fondi ntuża għat-twettiq tan-netwerks trans-Ewropej. Fis-sena 2010 infetaħ l-ewwel uffiċċju reġjonali tal-BEI f'Belgrad, li ġie inawgurat f'Novembru.

*Il-BEI huwa l-akbar finanzjatur internazzjonali fil-Balkani tal-Punent*

### Il-Pajjiżi Kandidati u l-Pajjiżi Kandidati Potenzjali

| Finanzjament ipprovdut fl-2010 (EUR m) | Ammont | li minnu kapital ta' riskju |
|---|---|---|
| It-Turkija | 1 935 | 30 |
| Is-Serbja | 690 | |
| Il-Kroazja | 511 | |
| Il-Bosnja u Ħerzegovina | 72 | |
| FYROM | 52 | |
| L-Albanija | 51 | |
| Montenegro | 49 | |
| Total | 3 360 | 30 |





## Il-pajjiżi Mediterranji

| Finanzjament ipprovdut fl-2010 (EUR m) | Ammont | li minnu kapital ta' riskju |
|---|---|---|
| L-Eġittu | 906 | |
| L-Alġerija | 500 | |
| It-Tuneżija | 498 | |
| Il-Marokk | 420 | |
| Is-Sirja | 185 | 10 |
| Reġjonali | 31 | 7 |
| Il-Libanu | 7 | |
| Gaża-Il-Medda tal-Punent | 5 | 5 |
| **Total** | **2 552** | **22** |



Fl-2010, tislif ġdid tal-BEI fit-Turkija ammonta għal total ta' EUR 1.9 biljun. L-attività kienet immexxija prinċipalment mill-ħtieġa li tiġi rribattuta l-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija u bħala appoġġ għal tkabbir intelliġenti u sostenibbli. Minn mindu faqqgħet il-kriżi, il-BEI appoġġja l-ekonomija Torka b'mod partikolari billi saħħaħ is-settur tal-SMEs fil-pajjiż, li fl-2010 ammonta għal EUR 910 miljun f'self lil banek intermedjarji.

## Appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fil-Mediterran

Il-BEI żied b'ħerqa l-appoġġ tiegħu għall-pajjiżi msieħba Mediterranji fir-reġjun permezz tal-FEMIP, il-Faċilità għall-Investiment u s-Sħubija Ewro-Mediterranji, il-fergħa finanzjarja tiegħu fir-reġjun. Permezz taż-żieda fil-volum tan-negozju tiegħu għal livell rekord ta' EUR 2.6 biljun fl-2010, il-FEMIP ikkonfermat lill-imsieħba tagħha l-kapaċità tagħha biex tgħinhom jimmodernizzaw il-politiki pubbliċi tagħhom fil-konfront tal-kriżi ekonomika globali u kkonsolidat il-pożizzjoni tagħha bħala l-investitur ewlieni fl-iżvilupp fil-Mediterran. Setturi prijoritarji oħrajn jinkludu t-trasport u l-ilma, l-industrija u attivitajiet ta' ishma azzjonarji privati, kif ukoll is-settur tal-kapital uman.

Sa mill-ħolqien tagħha fl-2002, il-FEMIP ipprovdiet aktar minn EUR 12.7 biljun biex tappoġġja l-immodernizzar tal-pajjiżi msieħba Mediterranji u tikkontribwixxi għall-ħolqien u s-salvagwardja tal-impjiegi fir-reġjun. Appoġġ għas-settur privat kompla jkun sinifikanti, fejn jirrappreżenta 55 % tal-proġetti totali ffirmati. Barra ż-żieda fit-tislif, l-attività tal-FEMIP iġġenerat valur miżjud sinifikanti, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' arranġamenti finanzjarji kumplessi, bħal sħubijiet bejn is-settur pubbliku u l-privat, finanzjament ta' proġetti, jew attivitajiet bi profil ta' riskju ogħla minn dak li ġeneralment ikun aċċettat mill-Bank. Fl-2010, madwar 74 % tal-attivitajiet fir-reġjun (li ammontaw għal kważi EUR 1.9 biljun) kienu kkofinanzjati ma' istituzzjonijiet imsieħba, u għaldaqstant inħolqu sinerġiji importanti. Attivitajiet ta' assistenza teknika ammontaw għal EUR 14.2 miljun fl-2010.



Il-Port ta' Tangier, il-Marokk

## Ir-Russja u l-Ġirien tal-Lvant

| Finanzjament ipprovdut fl-2010 (EUR m) | Ammont |
|---|---|
| Il-Federazzjoni Russa | 250 |
| Il-Moldova | 185 |
| Il-Ġeorġja | 175 |
| L-Ukraina | 16 |
| L-Armenja | 5 |
| Total | 631 |





Il-bini tar-riċevitur ewlieni, San Pietruburgu, ir-Russja

## L-Imsieħba tal-Lvant

It-tislif tal-BEI fil-Pajjiżi Msieħba tal-Lvant laħaq EUR 631 miljun fl-2010, żieda ta' kważi tliet darbiet aktar meta mqabbla mal-2009. B'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERŻ, il-Bank iffinanzja proġetti f'dawk il-pajjiżi taħt mandat għal EUR 3.7 biljun f'self fuq il-perjodu 2007-2013. Barra l-mandat tal-UE, il-BEI waqqaf il-Faċilità tal-Imsieħba tal-Lvant tiegħu stess ta' EUR 1.5 biljun għal self u garanziji għall-investiment tal-UE fl-istess pajjiżi b'riskju għalih stess. Nofs it-tislif fl-2010 kien għas-settur tal-enerġija, filwaqt li oqsma oħrajn iffukaw fuq proġetti tal-ilma u t-trasport, l-agroindustrija u linji ta' kreditu għall-SMEs. F'Diċembru 2010, il-Bank nieda faċilità ġdida ta' assistenza teknika, il-Fond ta' Fiduċja ta' Assistenza Teknika għas-Sħubija tal-Lvant (Eastern Partnership Technical Assistance Trust Fund - EPTATF), li hija mmirata biex iżżid l-impatt tal-attivitajiet u taċċellera l-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġetti fir-reġjun.

## L-Asja Ċentrali

Fost il-pajjiżi tal-Asja Ċentrali eliġibbli għal finanzjament tal-BEI (il-Każakstan, il-Kirgiżstan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Użbekistan), il-Każakstan kien it-tieni pajjiż li ffirma Ftehim ta' Qafas fl-2010, wara r-Repubblika tat-Taġikistan fl-2009. Tliet proġetti għal total ta' EUR 328 miljun qed jiġu vvalutati fis-setturi tal-ilma, l-enerġija u l-azzjoni għall-klima. Huwa ppjanat li l-Bank u l-Kirgiżstan jiffirmaw Ftehim ta' Qafas fil-bidu tal-2011 filwaqt li jkomplu l-isforzi biex jintlaħqu ftehimiet mat-Turkmenistan u l-Użbekistan.





Moma Titanium, il-Możambik

*Il-BEI ilu sieħeb għall-iżvilupp fir-reġjun tal-AKP għal aktar minn erbgħin sena*

## Pajjiżi tal-AKP u l-Afrika t'Isfel

Fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku l-BEI tipikament jappoġġja inizjattivi li jinkorraġġixxu l-iżvilupp tas-settur privat, bħal investimenti fl-SMEs, iżda jagħmel enfasi wkoll fuq infrastruttura tal-produzzjoni fuq skala kbira, inklużi proġetti ta' enerġija rinnovabbli, inizjattivi għall-effiċjenza fl-enerġija u proġetti oħrajn li jirrispondu għall-kunsidrazzjonijiet tal-bidla fil-klima. F'nofs il-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-BEI jipprova jiżgura investimenti sodi li huma ta' benefiċċju għal dawk l-aktar foqra u jappoġġjaw l-iżvilupp sostenibbli.

Il-finanzjament għall-attivitajiet tal-BEI huwa pprovdut mill-baġits tal-Istati Membri tal-UE permezz ta' Faċilità tal-Investiment, flimkien ma' self mir-riżorsi tal-Bank stess bir-riskju għalih stess. Il-firem ta' self taħt il-Faċilità tal-Investiment laħqu EUR 374 miljun fl-2010. Ġew ipprovduti EUR 598 miljun oħra għal proġetti tal-AKP mir-riżorsi tal-Bank stess fl-2010. Taħt mandat separat il-Bank silef EUR 50 miljun għal proġetti fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel.

### L-Istati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, PTB u l-Afrika t'Isfel

| Finanzjament ipprovdut fl-2010 (EUR m) | Ammont | li minnu kapital ta' riskju |
|---|---|---|
| L-Afrika | 738 | 182 |
| Tal-Punent | 279 | 82 |
| Tal-Lvant | 260 | 40 |
| Tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan | 145 | 5 |
| Multireġjonali | 45 | 45 |
| Ċentrali u Ekwatorjali | 10 | 10 |
| Tal-Karibew | 48 | 7 |
| Tal-Paċifiku | 9 | 9 |
| AKP Reġjonali | 162 | 162 |
| PTB | 15 | 15 |
| **Total AKP-PTB** | **972** | **374** |
| L-Afrika t'Isfel | 50 | |



## L-Asja u l-Amerika Latina

| Finanzjament ipprovdut fl-2010 (EUR m) | Ammont |
|---|---|
| **L-Amerika Latina** | **499** |
| Il-Brażil | 420 |
| Il-Messiku | 79 |
| **L-Asja** | **723** |
| Iċ-Ċina | 500 |
| Il-Vjetnam | 223 |
| Total | 1 222 |



## Kooperazzjoni ekonomika mal-Asja u l-Amerika Latina

Fl-2010, il-BEI silef EUR 1.2 biljun fl-Asja u l-Amerika Latina (ALA). L-investiment fl-Asja ammonta għal madwar EUR 723 miljun, filwaqt li t-tislif fl-Amerika Latina ammonta għal madwar EUR 499 miljun. Taħt il-mandat attwali l-BEI jista' jislef sa EUR 3.8 biljun fl-Asja u l-Amerika Latina matul il-perjodu 2007-2013. It-tislif tal-Bank fl-ALA huwa parti mill-istrateġija tal-UE għal kooperazzjoni ekonomika f'dawn ir-reġjuni. Din tiffoka fuq l-appoġġ tal-preżenza tal-UE permezz ta' investiment dirett barrani u t-trasferiment ta' teknoloġija u għarfien, iżda tkopri wkoll proġetti għall-ħarsien tal-ambjent, speċjalment proġetti ta' azzjoni għall-klima u proġetti li jikkontribwixxu għall-affidabbiltà tal-enerġija.



Il-Metro ta' Hanoi, il-Vjetnam





*Self ta' qafas ġdid għal azzjoni għall-klima liċ-Ċina*

*F'Diċembru 2010 ġie ffirmat self ta' qafas ġdid għal azzjoni għall-klima ta' EUR 500 miljun liċ-Ċina wara s-suċċess tal-ewwel wieħed, iffirmat fl-2007, hekk kif il-BEI qed ikompli jassisti lill-pajjiż fil-ġlieda tiegħu kontra l-bidla fil-klima. L-ewwel self ta' EUR 500 miljun għen sabiex jitwettqu għadd ta' proġetti, inklużi programmi ta' afforestazzjoni, impjanti għall-enerġija mir-riħ, skemi żgħar ta' enerġija mill-ilma, u investimenti għall-effiċjenza fl-enerġija u t-tnaqqis tat-tniġġis fis-setturi industrijali. Din l-attività hija waħda mis-selfiet l-aktar effiċjenti tal-BEI f'termini tal-emissjonijiet GHG u se tiġġenera madwar 2 miljun tunnellata ta' ffrankar ta' $CO_2$ kull sena ladarba l-proġetti sekondarji jiġu stabbiliti u jibdew jaħdmu.*

# Azzjoni konġunta mal-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn




Open Days, it-8 Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-bliet



**Bħala l-istituzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea, il-Grupp tal-BEI huwa, flimkien mal-baġit tal-UE, wieħed miż-żewġ sorsi ta' finanzjament għal investimenti b'appoġġ għall-politiki tal-UE.**

Għal tali investiment produttiv fuq terminu fit-tul, iż-żewġ tipi ta' finanzjament – għotjiet u self – għandhom il-karatteristiċi u l-merti speċifiċi tagħhom stess. Inizjattivi konġunti żviluppati mill-Grupp tal-BEI u l-Kummissjoni taħt il-qafas finanzjarju attwali (2007-2013) urew li ż-żewġ strumenti jistgħu jintużaw flimkien biex tinkiseb influwenza akbar. Il-politika reġjonali tal-UE hija qasam wieħed fejn dan kien il-każ, l-istess bħall-innovazzjoni u t-trasport.

## Il-politika reġjonali

L-objettiv tal-politika reġjonali tal-UE huwa li tindirizza differenzi bejn reġjuni li huma ekonomikament b'saħħithom u dawk aktar dgħajfin u biex tuża r-riżorsi disponibbli bl-aħjar mod possibbli. Il-politika reġjonali tenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkoordinati l-istrumenti finanzjarji disponibbli, nazzjonali, reġjonali u tal-UE għall-finijiet tat-trawwim ta' integrazzjoni reġjonali. F'dan il-kuntest, il-Grupp tal-BEI għandu rwol ewlieni, kif jintwera mill-inizjattivi konġunti l-ġodda mal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jew ir-reġjuni.

Il-perjodu ta' programmar attwali 2007-2013 għall-politika ta' "koeżjoni" tal-UE ta lill-BEI u lill-FEI rwol aktar importanti milli kellu qabel fl-ippjanar u l-ipprogrammar, inkluż assistenza teknika fit-tħejjija ta' proġetti, valutazzjoni ta' proġetti u inġinerija finanzjarja u monitoraġġ. Għadd ta' inizjattivi komuni marbuta direttament mal-politika ta' koeżjoni, bħal JASPERS, JESSICA, JERMIE u JASMINE iżda wkoll strumenti għall-qsim tar-riskju bħall-RSFF u LGTT, li jindirizzaw objettivi kumplimentari tal-UE, rawmu sħubija aktar imsaħħa mal-Kummissjoni.

## L-erba' Js

JASPERS, JESSICA, JEREMIE u JASMINE, l-erba' Js, huma r-riżultat ta' din l-isħubija msaħħa. Dawn huma kollha inizjattivi konġunti, li jgħaqdu l-finanzjament u r-riżorsi umani mill-Grupp tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea.

JASPERS hija l-inizjattiva għall-Assistenza Konġunta fis-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej, amministrata mill-BEI u kosponsorizzata mill-Kummissjoni, il-BERŻ u l-KfW. JASPERS hija ffukata biex tgħin lill-pajjiżi benefiċjarji biex iħejju proposti sodi għal proġetti infrastrutturali biex jingħataw finanzjament fil-forma ta' għotjiet mill-Fondi Strutturali u biex tipprovdi assistenza teknika.




Trasport pubbliku - Ħamburg, il-Ġermanja

JESSICA hija l-inizjattiva ta' Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni Urbani, li ġiet stabbilita b'mod konġunt mill-BEI, il-Kummissjoni u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa. Din tuża mekkaniżmi ta' inġinerija finanzjarja biex jappoġġjaw investiment fi żvilupp urban sostenibbli, fejn jintużaw riżorsi tal-Fondi Strutturali għal finanzjament ta' self ripagabbli u riċiklabbli għal investimenti li jiġġeneraw dħul.

JEREMIE hija l-inizjattiva tar-Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji. Il-Fond Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien biex jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali l-għażla biex jużaw ir-riżorsi tal-Fondi Strutturali biex jippromwovu l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament u l-prodotti ta' inġinerija finanzjarji fir-reġjuni.

JASMINE hija l-inizjattiva għal Azzjoni Konġunta fis-Sostenn ta' Istituzzjonijiet tal-Mikfrofinanzjament fl-Ewropa, li għandha fil-mira l-iżvilupp tal-mikrokreditu. Il-FEI ngħata mandat biex jamministra parti mill-inizjattiva biex jipprovdi appoġġ finanzjarju lil istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament mir-riżorsi tal-BEI, kif ukoll assistenza teknika mir-riżorsi tal-Kummissjoni.

## Qsim tar-riskju konġunt għall-innovazzjoni

Sabiex ikunu jistgħu jiffinanzjaw investiment b'riskju ogħla u b'rendiment ogħla fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, il-BEI u l-Kummissjoni waqqfu l-RSFF, il-Faċilità Finanzjarja għall-Qsim tar-Riskju. Bis-saħħa ta' EUR 1 biljun mir-riżervi tal-Bank u EUR 1 biljun ieħor mis-7 Programm ta' Qafas għar-Riċerka tal-Kummissjoni, din il-faċilità għandha salvagwardja ta' kapital ta' EUR 2 biljun biex b'hekk tkun tista' ssellef madwar EUR 10 biljun għall-investimenti ta' mill-anqas id-doppju ta' dak l-ammont f'RŻI mill-aqwa matul il-perjodu 2006-2013. Reviżjoni ta' nofs it-terminu minn esperti indipendenti fl-2010 rriżultat f'konklużjonijiet pożittivi u rrakkomandat twessigħ u approfondiment tal-użu ta' strumenti tat-tip RSFF

*Inizjattivi konġunti mill-BEI u l-Kummissjoni jiksbu influwenza akbar.*



RŻI għall-iżvilupp ta' softwer u teknoloġija tal-ħolqien tal-immaġni fil-kura tas-saħħa, il-Belġju



## Qsim tar-riskju konġunt għall-investiment fit-trasport

L-LGTT – l-Istrument ta' Garanzija ta' Self għall-Proġetti tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew – twaqqaf mill-BEI u l-Kummissjoni biex jiġi indirizzat ir-riskju tat-traffiku għal investituri privati f'tali proġetti. Iffinanzjat f'partijiet ugwali miż-żewġ istituzzjonijiet, dan l-istrument ta' riskju jkopri riskji tad-dħul relatati mal-volum tat-traffiku matul il-fażijiet kritiċi bikrija tal-operazzjoni ta' proġett, billi l-flussi tat-traffiku ta' sikwit jeħtieġu ż-żmien biex jilħqu livell li fih jista' jiġi ġġenerat biżżejjed dħul. Fl-2010 inħarġet l-ewwel garanzija LGTT ta' EUR 70 miljun għal proġett PPP biex tiġġedded u tiġi aġġornata l-awtostrada C-25 fit-tramuntana ta' Cataluña, li għaliha l-BEI silef EUR 200 miljun.

## Attivitajiet speċjali oħrajn fl-UE

ELENA tfisser European Local Energy Assistance (Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali), inizjattiva ta' assistenza teknika konġunta stabbilita mill-BEI u l-Kummissjoni. Il-fondi ELENA jistgħu jintużaw għal programmi ta' strutturar, pjanijiet tan-negozju u verifiki tal-enerġija, tħejjija ta' proċeduri u kuntratti għal offerti, u pagament għal unitajiet tal-implimentazzjoni tal-proġetti. Fil-qosor, dak kollu li huwa meħtieġ biex il-proġetti għal enerġija sostenibbli tal-ibliet u r-reġjuni jkunu lesti għall-finanzjament tal-BEI.



Il-programmi ta' investiment jistgħu jinvolvu t-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fit-tidwil tal-bini jew it-toroq, l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-bini jew ir-rinovazzjoni jew l-installazzjoni ta' sistemi tat-tisħin ta' distretti bl-użu kkombinat ta' sħana u enerġija jew sorsi rinnovabbli. Hemm ukoll fil-mira l-programmi tat-trasport urban bħall-introduzzjoni ta' karozzi tal-linji b'użu effiċjenti tal-enerġija u l-infrastruttura għal vetturi li jużaw fjuwil alternattiv.

NER300 tnediet mill-Kummissjoni Ewropea fl-2010. Din tikkonċerna l-akbar programm ta' għotjiet fid-dinja b'appoġġ għall-qbid u ħżin tal-karbonju (CCS) u proġetti ta' dimostrazzjoni innovattivi tat-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli. Il-Bank Ewropew tal-Investiment se jappoġġja l-implimentazzjoni permezz tal-valutazzjoni tal-proġetti u l-organizzazzjoni tal-bejgħ ta' konċessjonijiet tal-emissjonijiet, li jservu biex jiffinanzjaw l-għotjiet. Dawn il-konċessjonijiet tal-emissjonijiet taw l-isem għal din l-inizjattiva: NER [riżerva għal operaturi ġodda (new entrants reserve) fis-sistema Ewropea għan-negozjar tal-emissjonijiet].

## It-tagħqid tar-riżorsi barra mill-UE

Barra mill-UE, il-BEI jaħdem mill-qrib ma' istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet tal-pajjiżi tal-UE u pajjiżi msieħba, u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew bilaterali. Fil-Pajjiżi Ġirien u Msieħba tal-Ewropa biss il-kofinanzjament kammonta għal 73 % tal-volum totali ffirmat fl-2010. Fir-reġjun AKP, il-BEI għandu storja twila fejn għaqqad is-self mal-għotjiet tal-UE.

# Istituzzjoni responsabbli





**Ir-responsabbiltà korporattiva tinsab fil-qalba tal-missjoni tal-BEI biex tappoġġja investimenti sodi li jikkumplimentaw l-objettivi tal-politika tal-UE.**

Il-Bank huwa impenjat bil-qawwa biex jintegra t-tħassib ambjentali u soċjali fl-attivitajiet kummerċjali tiegħu; biex jiżgura governanza xierqa, trasparenza u kontabilità, għalih innifsu u għall-kontropartijiet tiegħu; biex jiżgura li l-investimenti li huwa jiffinanzja jkunu etiċi u sostenibbli; biex jiżviluppa relazzjonijiet li huma ta' benefiċċju b'mod reċiproku bejn il-Bank u l-komunitajiet ospitanti; u biex jimminimizza l-impatt ambjentali tiegħu stess. Il-BEI ilu jkejjel u jirrapporta dwar il-prattiki tar-responsabbilta korporattiva tiegħu sa mill-2005 u r-responsabbiltà korporattiva hija integrata bis-sħiħ fl-istrateġija kummerċjali tiegħu.

## *Il-BEI huwa konxju sew mill-footprint ambjentali tiegħu stess*

Il-proġetti kollha li l-BEI jiffinanzja huma konformi mal-prinċipji u l-istandards ambjentali tal-UE. Barra dan, parti sinifikanti tat-tislif tal-Bank tmur għal investimenti li jiffukaw b'mod speċifiku fuq il-ħarsien u t-titjib tal-ambjent naturali u mibni, u li jrawmu l-benesseri soċjali. Tali investimenti ambjentali jinkludu l-azzjoni għall-klima, il-ħarsien tan-natura u l-bijodiversità, is-saħħa, u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-ġestjoni tal-iskart.

Fl-2010, il-BEI wettaq studju pilota fuq il-footprint tal-karbonju tal-proġetti li huwa jiffinanzja. Kampjun ta' 73 proġett fis-setturi tal-enerġija, it-trasport u l-industrija, kif ukoll xi proġetti tal-ilma raw tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-karbonju. Dan huwa riżultat dirett tal-Bank bil-finanzjament tal-aqwa teknoloġiji disponibbli, li jagħmel l-aħjar użu tal-potenzjal għal miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija, u l-promozzjoni ta' modi tat-trasport aktar sostenibbli.

Il-BEI jappoġġja żvilupp soċjali billi joffri tislif għal proġetti tas-saħħa u l-edukazzjoni. Xi wħud mill-inizjattivi ta' mikrofinanzjament tiegħu jindirizzaw b'mod speċifiku l-ħtiġijiet ta' dawk li huma żvantaġġjati soċjalment. Il-finanzjament tal-BEI huwa ristrett għal proġetti li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u li huma konformi mal-istandards soċjali tal-BEI, ibbażati fuq il-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u prattiki internazzjonali tajbin. Fl-2010, il-Bank innifsu għen biex tiġi stabbilita l-aqwa prassi billi organizza sensiela ta' seminars dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem sabiex jiffaċilita djalogu bejn in-negozju, is-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet intergovernattivi fuq dan is-suġġett.



Iż-żjara tal-President tal-BEI f'Ouagadougou, Burkina Faso

Il-BEI għandu politika ta' tolleranza żero dwar il-korruzzjoni, il-frodi, il-kollużjoni, il-ġegħil, il-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-operazzjonijiet u l-attivitajiet tiegħu. Kien wieħed mill-ewwel istituzzjonijiet finanzjarji li adotta politika bħal din u ngħaqad ukoll ma' inizjattivi internazzjonali biex jagħmel pressjoni fuq Ġurisdizzjonijiet li Mhumiex Konformi biex jikkonformaw man-normi internazzjonali.

Bħala korp tal-UE, il-BEI huwa impenjat biex jikseb l-ogħla livell possibbli ta' trasparenza għall-attivitajiet kollha tiegħu fir-rigward tal-partijiet interessati esterni u interni tiegħu. Fl-2010, il-Bank għaqqad il-politiki dwar it-trasparenza u l-iżvelar pubbliku f'sett ġdid ta' prinċipji u prattiki li jippromwovu t-trasparenza. Il-presunzjoni bażika hija li fejn possibbli l-informazzjoni dwar l-attivitajiet operazzjonali u istituzzjonali tal-Bank tkun disponibbli għal partijiet terzi sakemm ma jkunx hemm raġuni konvinċenti għall-kunfidenzjalità.






Impjant tax-xogħlijiet tal-ilma fi Wroclaw, il-Polonja

Ir-relazzjonijiet tal-BEI mas-soċjetà ċivili, inklużi NGOs u gruppi ta' interess oħrajn, huma ggwidati mill-istess prinċipji. Id-djalogu mas-soċjetà ċivili jipproduċi kontribut siewi fuq livell ta' politika u ta' sikwit jikkontribwixxi biex jagħmel lill-Bank aktar konxju dwar kwistjonijiet relatati ma' proġetti. Għall-istess raġuni, il-Bank jidħol ukoll fi sħubijiet koperattivi ma' organizzazzjonijiet speċjalizzati li jaqsmu objettivi jew interessi partikolari mal-BEI, bħall-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent, il-bijodiversità jew it-taffija tal-faqar. Fl-2010, l-imsieħba tal-Bank kienu jinkludu Transparency International, l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan- Natura (IUCN) u l-Inizjattiva għat-Trasparenza fl- Industriji tal-Estrazzjoni (EITI). Is-sena l-oħra, il-BEI ngħaqad mal-Alleanza Globali għall-Ilma u Azzjoni għall-Adattament, netwerk ta' istituzzjonijiet finanzjarji, utilitajiet, assoċjazzjonijiet, istituzzjonijiet ta' riċerka u NGOs.



Il-BEI huwa konxju sew mill-footprint ambjentali tiegħu stess. Sigħat tax-xogħol flessibbli, arranġamenti għal xogħol mid-dar u trasport pubbliku bla ħlas naqqsu l-impatt ambjentali tal-persunal li kien imur ix-xogħol bil-karozza. Fl-2010, l-emissjonijiet totali tas-$CO_2$ b'riżultat tal-attivitajiet tal-Bank stess ammontaw għal madwar 18 997 tunnellata, li minnhom 94 % kienu mill-mobbiltà u 6 % mill-enerġija, l-iskart u l-konsum ta' karti. Dawn iċ-ċifri jikkonfermaw tendenza ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ li beda fl-2008.

Bħala impjegatur responsabbli l-BEI jifformalizza żviluppi ġodda fil-politika tar-riżorsi umani fl-2010. Il-politika tar-Riżorsi Umani hija bbażata fuq tliet pilastri. L-ewwel wieħed huwa sabiex il-Bank jimpjega persunal motivat, b'livell ta' prestazzjoni għolja u li kontinwament jiżviluppa l-ħiliet tiegħu. Dan il-pilastru huwa kkumplimentat minn tmexxija li tispira u amministrazzjoni li tingħata setgħa fi tqassim organizzazzjonali l-aktar xieraq. Dan kollu jsir f'ambjent tax-xogħol li jippermetti lill-impjegati jieħdu l-inizjattiva u li jaħdmu bl-aħjar ħiliet tagħhom. Komunikazzjoni interna miftuħa u trasparenti hija ingredjent kruċjali għall-kisba tal-objettivi tar-riżorsi umani.



# Il-kapital tal-BEI u l-attivitajiet ta' self tal-2010



Il-pont ta' Rion-Antirion li jaqsam il-Golf ta' Korintu, il-Greċja



## Tqassim tal-kapital tal-BEI

| | Ammont (EUR) | |
|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 37 578 019 000 | DE |
| Franza | 37 578 019 000 | FR |
| L-Italja | 37 578 019 000 | IT |
| Ir-Renju Unit | 37 578 019 000 | GB |
| Spanja | 22 546 811 500 | ES |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 10 416 365 500 | NL |
| Il-Belġju | 10 416 365 500 | BE |
| L-Isvezja | 6 910 226 000 | SE |
| Id-Danimarka | 5 274 105 000 | DK |
| L-Awstrija | 5 170 732 500 | AT |
| Il-Polonja | 4 810 160 500 | PL |
| Il-Finlandja | 2 970 783 000 | FI |
| Il-Greċja | 2 825 416 500 | GR |
| Il-Portugall | 1 820 820 000 | PT |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1 774 990 500 | CZ |
| L-Ungerija | 1 679 222 000 | HU |
| L-Irlanda | 1 318 525 000 | IE |
| Ir-Rumanija | 1 217 626 000 | RO |
| Ir-Repubblika Slovakka | 604 206 500 | SK |
| Is-Slovenja | 560 951 500 | SI |
| Il-Bulgarija | 410 217 500 | BG |
| Il-Litwanja | 351 981 000 | LT |
| Il-Lussemburgu | 263 707 000 | LU |
| Ċipru | 258 583 500 | CY |
| Il-Latvja | 214 805 000 | LV |
| L-Estonja | 165 882 000 | EE |
| Malta | 98 429 500 | MT |
| **Total** | **232 392 989 000** | |




Il-BEI huwa l-bank tal-Unjoni Ewropea. Huwa awtonomu finanzjarjament u għandu kapital ta' EUR 232 biljun, sottoskritt mill-Istati Membri tal-UE, li huma l-azzjonisti tal-BEI. Il-Bank huwa l-akbar sellief sovranazzjonali u għandu klassifikazzjoni AAA.

## Il-kapital u l-azzjonisti tal-Bank

Is-sehem ta' kull Stat Membru fil-kapital tal-Bank huwa bbażat fuq il-piż ekonomiku tiegħu fi ħdan l-Unjoni Ewropea (bħala PDG) fil-mument tal-adeżjoni tiegħu. Skont l-Istatut tiegħu, il-Bank huwa awtorizzat li jkollu massimu ta' self u garanziji pendenti ekwivalenti għal darbtejn u nofs il-kapital sottoskritt tiegħu, riżervi, dispożizzjonijiet mhux allokati u eċċess tal-kont tal-qligħ u t-telf. Dan l-ammont totali għandu jitnaqqas b'ammont ugwali għall-ammont sottoskritt (jekk imħallas jew le) għal kwalunkwe parteċipazzjoni ta' ishma azzjonarji tal-Bank.

Il-koeffiċjent tal-adegwatezza tal-kapital tal-BEI - il-koeffiċjent tal-kapital tal-Bank mal-assi tiegħu – kien ta' 27.2 % fi tmiem l-2010. Il-Kumitat ta' Basel tal-Bank għal Regolamenti Internazzjonali jissettja l-koeffiċjent minimu tal-adegwatezza tal-kapital għall-banek bħala 8 %.

## Il-karta tal-bilanċ u l-eċċess tal-kont

Fi tmiem is-sena 2010 l-attivi totali kienu ta' EUR 420 biljun, żieda ta' 14 % meta mqabbla ma' tmiem l-2009. Iż-żieda kienet immexxija mit-tkabbir eċċezzjonali fit-tislif f'dawn l-aħħar sentejn bħala riżultat tal-irwol tal-BEI fil-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku, li taħtu l-BEI temporanjament espanda l-attivitajiet ta' tislif tiegħu fuq talba tal-Istati Membri.

L-eċċess nett annwali laħaq EUR 2.1 biljun fl-2010 (żieda ta' 13 %). L-eċċess jirrifletti livelli rekord ta' tislif matul il-kriżi, filwaqt li l-ispejjeż amministrattivi żdiedu aktar bil-mod.

## L-akbar sellief sovranazzjonali

Il-BEI huwa organizzazzjoni li tiffinanzja lilha nnifisha, li jissellef il-parti l-kbira tar-riżorsi ta' tislif tiegħu fis-swieq kapitali internazzjonali, u huwa l-akbar sellief sovranazzjonali. Huwa appoġġjat minn appoġġ sod ta' azzjonisti, bażi kapitali b'saħħitha, kwalità ta' assi eċċezzjonali, ġestjoni ta' riskju konservattiva u strateġija soda ta' finanzjament. Il-Bank għandu l-aqwa klassifikazzjoni possibbli ta' kreditu (AAA), kif reġgħet ġiet ikkonfermata minn Fitch, Moody's u Standard & Poor's fl-2010. Billi jibni fuq is-saħħa finanzjarja tiegħu, huwa jista' jissellef b'rati ferm attraenti. Bħala organizzazzjoni li ma timmassimizzax il-profitt tagħha, il-benefiċċji tal-kundizzjonijiet tas-self tal-BEI fil-parti l-kbira jingħaddew lill-promoturi ta' proġetti.

## Attivitajiet ta' self fl-2010

Filwaqt li mexa b'attenzjoni fil-volatilità tas-suq ikkawżata minn avvenimenti esterni, il-Bank seta' jissellef EUR 67 biljun fl-2010. Is-self fil-tliet valuti ewlenin tal-Bank – l-euro (EUR), id-dollaru Amerikan (USD) u l-isterlina (GBP) – kompla jiddomina u ammonta għal madwar EUR 56 biljun. B'EUR 26.2 biljun l-euro kellha l-akbar volum, segwita mid-dollaru Amerikan (USD 32.3 biljun jew EUR 24.0 biljun) u l-isterlina (GBP 4.8 biljun jew EUR 5.5 biljun).

Il-ħruġ ta' bonds f'valuti mhux ewlenin kiber għal EUR 11.4 biljun. Il-Bank issellef f'14-il valuta oħra, fejn is-self f'dollari Awstraljani kien l-aktar sinifikanti (AUD 6.3 biljun jew EUR 4.3 biljun) – li kien qrib sew tal-livell tas-self fi sterlini. Il-ħruġ ta' bonds fil-lira Torka, il-jen Ġappuniż, il-franki Svizzeri u l-kroner Norveġiż kollha kisbu volum ta' EUR 1 biljun jew aktar.

## Bonds għal kuxjenza dwar il-klima

Fl-2010, il-Bank ġabar total ta' EUR 543 miljun permezz ta' Bonds għal Kuxjenza dwar il-Klima bħala parti mill-programm ta' finanzjament tiegħu. Il-karatteristika unika ta' dawn il-bonds hija li l-qligħ huwa ddedikat u użat esklussivament biex jiffinanzja proġetti li jappoġġjaw l-azzjoni għall-klima fl-oqsma tal-enerġija riinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija.

Sa mill-2007, il-BEI ħareġ regolarment Bonds għal Kuxjenza dwar il-Klima. Huwa ġabar EUR 1.4 biljun b'dan il-mod sa tmiem l-2010, permezz ta' għaxar tranżazzjonijiet li twettqu f'sitt valuti.





Il-Laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-BEI – Frar 2011

# Il-Governanza tal-BEI





# Korpi Statutorji tal-BEI



Il-Laqgħa tal-Bord tal-Gvernaturi – il-Lussemburgu

Il-**Bord tal-Gvernaturi** huwa magħmul minn ministri nnominati minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, ġeneralment il-Ministri tal-Finanzi. Huwa jistipula linji gwida dwar politika tal-kreditu, japprova l-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ, u jiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni tal-Bank f'attivitajiet finanzjarji barra mill-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq żidiet tal-kapital. Huwa jaħtar ukoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat tal-Verifika. Il-Bord tal-Gvernaturi jiltaqa' darba fis-sena.

Il-**Bord tad-Diretturi** għandu l-poter esklussiv li jieħu deċiżjonijiet fir-rigward tal-għoti ta' finanzjament, b'mod partikolari fil-forma ta' self u garanziji, u ta' tislif. Minbarra li jiżgura li l-Bank jitmexxa kif suppost, huwa jiżgura li l-Bank jitmexxa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-Istatut tiegħu u mad-direttivi ġenerali stipulati mill-Gvernaturi. Il-membri tiegħu huma maħtura mill-Gvernaturi għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded fuq nomina mill-Istati Membri u huma responsabbli biss lejn il-Bank.

Il-Bord tad-Diretturi huwa magħmul minn 28 Direttur, fejn Direttur wieħed huwa nnominat minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm 18-il Supplent, jiġifieri li xi wħud minn dawn il-pożizzjonijiet jinqasmu bejn gruppi ta' stati. Il-Bord tad-Diretturi jiltaqa' kull xahar.

Barra minn hekk, sabiex titwessa' l-kompetenza professjonali tal-Bord tad-Diretturi f'ċerti oqsma, il-Bord jista' jagħżel b'mod konġunt sitt esperti (tlieta bħala Membri u tlieta bħala Supplenti), li jipparteċipaw għal-laqgħat tal-Bord fil-kwalità ta' konsulenti, mingħajr drittijiet tal-vot.

Għajr fejn hemm stipulat mod ieħor fl-Istatut, id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tikkonsisti f'mill-inqas terz tal-membri intitolati għall-vot u li jirrappreżentaw mill-inqas 50 % tal-kapital sottoskritt.

Il-**Kumitat tal-Verifika** huwa korp indipendenti li jaqa' direttament taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tal-Gvernaturi u huwa responsabbli għall-verifika tal-kontijiet tal-Bank u biex jivverifika li l-attivitajiet huma konformi mal-aħjar prassi bankarja. Il-Kumitat tal-Verifika għandu jaċċerta kull sena li l-attivitajiet tal-Bank ikunu twettqu u l-kotba tiegħu jkunu nżammu kif suppost. Fil-ħin tal-approvazzjoni tar-rendikonti finanzjarji mill-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat tal-Verifika joħroġ l-istqarrijiet tiegħu dwarhom. Ir-rapporti tal-Kumitat tal-Verifika dwar ir-riżultati tal-ħidma tiegħu matul is-sena preċedenti jintbagħtu lill-Bord tal-Gvernaturi flimkien mar-rapport annwali tal-Bord tad- Diretturi.

Il-Kumitat tal-Verifika huwa magħmul minn sitt membri, maħtura mill-Gvernaturi għal kariga ta' sitt snin finanzjarji konsekuttivi li ma tistax tiġġedded.



Il-Kumitat tal-Verifika

*Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw dawn il-korpi jinsabu fl-Istatut u r-Regoli ta' Proċedura tal-Bank. Listi tal-membri tal-korpi Statutorji tal-BEI u l-curricula vitae tagħhom, flimkien ma' informazzjoni addizzjonali dwar arranġamenti ta' remunerazzjoni, huma aġġornati regolarment u jittellgħu fuq il-websajt tal-Bank: www.eib.org.*



# Korpi Statutorji tal-FEI



Il-FEI huwa mmexxi u amministrat minn dawn it-tlett awtoritajiet:

- il-Laqgħa Ġenerali tal-azzjonisti (il-BEI, l-Unjoni Ewropea, 28 istituzzjoni finanzjarja), li tiltaqa' ta' mill-inqas darba fis-sena;
- il-Bord tad-Diretturi, magħmul minn seba' membri u seba' supplenti, li, inter alia, jiddeċiedi dwar l-attivitajiet tal-Fond;
- il-Kap Eżekuttiv, li huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-Fond skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatuti tiegħu u l-linji gwida u d-direttivi adottati mill-Bord tad-Diretturi.

Il-kontijiet tal-FEI jiġu vverifikati minn Bord tal-Verifika li jikkonsisti fi tliet persuni maħtura mil-Laqgħa Ġenerali u minn awdituri indipendenti esterni.

*Informazzjoni ddettaljata dwar il-korpi Statutorji tal-FEI (għamla, curricula vitae tal-membri, remunerazzjoni) u servizzi (għamla, curricula vitae tad-Diretturi Ġenerali u d-Diretturi, remunerazzjoni tal-persunal kollu) hija aġġornata regolarment u tittella' fuq il-websajt tal-FEI: www.eif.org.*

# Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI



1. Philippe MAYSTADT 2. Philippe de FONTAINE VIVE CURTAZ 3. Simon BROOKS 4. Matthias KOLLATZ-AHNEN 5. Eva SREJBER 6. Dario SCANNAPIECO 7. Plutarchos SAKELLARIS 8. Magdalena ÁLVAREZ ARZA 9. Anton ROP

Il-**Kumitat ta' Tmexxija** huwa l-korp eżekuttiv permanenti tal-Bank. Għandu disa' membri. Taħt l-awtorità tal-President u s-sorveljanza tal-Bord tad-Diretturi, jieħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum tal-BEI, iħejji deċiżjonijiet għad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Il-President jippresjedi l-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija. Il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija huma responsabbli biss lejn il-Bank; huma jinħatru mill-Bord tal-Gvernaturi, fuq proposta tal-Bord tad-Diretturi, għal perjodu ta' sitt snin li jista' jiġġedded. L-akbar erba' azzjonisti – Franza, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit – għandhom siġġu permanenti fuq il-Kumitat ta' Tmexxija. Il-Kumitat ta' Tmexxija jiltaqa' kull ġimgħa.

Skont l-Istatut tal-Bank, il-President huwa wkoll iċ-Chairman tal-Bord tad-Diretturi.



Il-Kulleġġ tal-Membri tal-Kumitat ta' Tmexxija u r-responsabbiltajiet ta' superviżjoni tagħhom

Sitwazzjoni fil-15 ta' April 2011

**1 Philippe MAYSTADT** *President*
- Strateġija ġenerali
- Kwistjonijiet istituzzjonali, relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali l-oħrajn
- Rapportaġġ mill-Ispettur Ġenerali, il-Kontrollur Finanzjarju u l-Kap Uffiċjal tal-Konformità
- Riżorsi umani
- Komunikazzjoni interna
- Politika tal-opportunitajiet indaqs; President tal-Kumitat Konġunt dwar Opportunitajiet Indaqs
- Implimentazzjoni ta' Basel II u III
- President tal-Bord tad-Diretturi tal-FEI
- President tal-Kumitat tal-Baġit

**2 Philippe de FONTAINE VIVE CURTAZ** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fi Franza u fil-Pajjiżi Msieħba Mediterranji
- Komunikazzjoni esterna
- Trasparenza u politika ta' informazzjoni
- Relazzjonijiet mal-NGOs

**3 Simon BROOKS, CB** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fir-Renju Unit u fl-Olanda
- Ħarsien tal-ambjent u azzjoni klimatika
- Verifika interna, verifika esterna u relazzjonijiet mal-Kumitat tal-Verifika
- Ħarsien tal-konformità
- Mekkaniżmu tal-ilmenti
- Relazzjonijiet mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
- Relazzjonijiet mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Ombudsman Ewropew
- Bini, ambjent tax-xogħol u loġistika

**4 Matthias KOLLATZ-AHNEN** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fil-Ġermanja, l-Awstrija u ir-Rumanija kif ukoll il-Kroazja u t-Turkija
- Finanzjament tal-SMEs
- Prodotti ġodda u tranżazzjonijiet speċjali
- Koeżjoni ekonomika u soċjali; Konverġenza
- Assistenza teknika; JASPERS
- JESSICA
- Membru tal-Bord tad-Diretturi tal-FEI
- Membru tal-Kumitat tas-Sussidji

**5 Eva SREJBER** *Viċi-President*
- Finanzjamenti il-Finlandja, fl-Iżvezja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-pajjiżi ġirien tal-Lvant, l-pajjiżi tal-EFTA u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali
- Ekonomija tal-għarfien
- Evalwazzjoni ex post tal-attivitajiet
- Teknoloġiji tal-informazzjoni
- President tal-Kumitat tas-Sussidji

**6 Dario SCANNAPIECO** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fl-Italja, Malta u l-Balkani tal-Punent
- Segwitu u ristrutturar tal-operazzjonijiet
- Ippjanar u baġit
- Effiċjenza tal-ispejjeż
- Gvernatur tal-BERŻ
- Membru tal-Kumitat tal-Arti

**7 Plutarchos SAKELLARIS** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fil-Greċja, Ċipru, id-Danimarka, l-Irlanda, il-pajjiżi tal-AKP u l-Afrika t'Isfel
- Ġestjoni tar-riskji
- Enerġija
- Studji settorjali, ekonomiċi u finanzjarji
- Kontabilità
- President tal-Kumitat tal-Arti

**8 Magdalena ÁLVAREZ ARZA** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fi Spanja, il-Portugall, il-Belġju, il-Lussemburgu, l-Amerika Latina u l-Asja
- Aspetti ġuridiċi tal-attivitajiet u tal-prodotti
- Finanzi u Teżor

**9 Anton ROP** *Viċi-President*
- Finanzjamenti fil-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Bulgarija
- Netwerks trans-Ewropej tat-trasport
- Responsabbiltà soċjali korporattiva
- Viċi-Gvernatur tal-BERŻ

*Informazzjoni dettaljata dwar l-istruttura tal-amministrazzjoni tal-BEI tinsab fuq il-websajt tiegħu* ***www.eib.org.***

# L-Indirizzi tal-Grupp tal-BEI



## Il-Bank Ewropew tal-Investiment

98-100, boulevard Konrad Adenauer – L-2950 Lussemburgu
(+352) 43 79 – 1 (+352) 43 77 04
**www.eib.org - info@eib.org**

## Il-Fond Ewropew tal-Investiment

96, boulevard Konrad Adenauer – L-2968 Lussemburgu
(+352) 42 66 88 – 1 (+352) 42 66 88 – 200
**www.eif.org - info@eif.org**

*Jekk jogħġbok ikkonsulta l-websajt tal-Bank għal-lista tal-uffiċċji barranin (**www.eib.org/offices**).*

Il-BEI jixtieq jirrigrazzja l-promoturi u l-fornituri li ġejjin għar-ritratti li jidhru f 'dan ir-rapport:

Paġna tal-qoxra, p.22 C-Power N.V., p.7 Safran, p8 STMicroelectronics, p.9 Marion Schmieding – Alexander Obst / Berliner Flughäfen, p.15 RENFE, p.17 Nya Karolinska Solna Hospital, p.18 Sincrotrone Trieste S.C.p.A., p.20 Lahti Energia Oy, p.21, 37 MEDGAZ, S.A., p.25 ENEOP - Eólicas de Portugal, p.27 Abengoa Solar, p.31 Renault, p.34,39 MOMA, p.38 Vodokanal, p.42 Unjoni Ewropea 2010 PE-EP, p.43 Hamburger Hochbahn AG, p.44 Agfa-Gevaert, p. 2-3, 4, 6, 10-11, 12, 14, 21, 23, 24, 29, 30, 32, 33, 35, 37, 39, 40, 41, 47 48, 49, 50, 53, 55, 56 EIB Photolibrary

Tqassim: EIB GraphicTeam.

Stampat minn Imprimerie Jouve fuq karta MagnoSatin bl-użu ta' linka bbażata fuq żejt veġetali. Il-karta, li hija ċċertifikata b'mod konformi mar-regoli tal-Forest Stewardship Council (FSC), tikkonsisti f'fibra verġni 100 % (li ta' mill-inqas 50 % minnha minn foresti amministrati sew).

FSC
Mixed Sources
Product group from well-managed forests, controlled sources and recycled wood or fibre
Cert no. BV-COC-856319
www.fsc.org
© 1996 Forest Stewardship Council

Rapport Annwali 2010 • Volum I



Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment • Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

ISBN 978-92-861-1340-6

© BEI – 05/2011 – MT

QH-AO-11-001-MT-C

ISSN 1831-3906